# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 623.07

## REGOLAMENTI DWAR EFFIĊJENZA FL-ENERĠIJA

2 ta' Marzu, 2021

*L-AVVIŻ LEGALI 66 tal-2021, kif emendat bl-Avviż Legali 409 tal-2021.*

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti dwar Effiċjenza fl-Enerġija. Titolu u għan.

(2) Dawn ir-regolamenti jittrasponu d-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE, kif emendati bid-Direttiva (UE) 2018/2020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru li temenda d-Direttiva 2012/27/UE u bir-Regolament mogħti mill-Kummissjoni, Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/826 tal-4 ta' Marzu, 2019.

(3) Dawn ir-regolamenti jistabbilixxu qafas bħala parti mill-qafas komuni ta' miżuri għall-promozzjoni tal-effiċjenza fl-enerġija fi ħdan l-Unjoni sabiex tiġi żgurata l-kisba tal-mira ewlenija tal-Unjoni ta' effiċjenza fl-enerġija ta' għoxrin fil-mija (20%) għall-2020 u l-mira ewlenija tagħha ta' mill-inqas tnejn u tletin punt ħamsa fil-mija (32.5%) effiċjenza fl-enerġija għall-2030 jintlaħqu u jwittu t-triq għal aktar titjib fl-effiċjenza fl-enerġija wara dawk id-dati. Dawn ir-regolamenti jistabbilixxu wkoll regoli mfasslin biex jitneħħew l-ostakoli fis-suq tal-enerġija u jingħelbu dawk il-fallimenti tas-suq li jimpedixxu l-effiċjenza fil-provvista u l-użu tal-enerġija, u li jipprovdu għat-twaqqif ta' miri ndikattivi nazzjonali għall-effiċjenza fl-enerġija għall-2020 u l-2030, u jikkontribwixxu sabiex jiġi implimentat il-prinċipju tal-'effiċjenza fl-enerġija l-ewwel'.

**2.** (1) Kemm-il darba ma jingħadx mod ieħor f'dawn ir-regolamenti, għandu japplika t-tifsir fl-Att. Tifsir.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra:

"aggregatur" tfisser fornitur ta' servizz ta' domanda li jikkombina tagħbijiet tal-konsumatur multipli matul żmien qasir u li jbiegħ jew jirkanta fi swieq tal-enerġija organizzati;

"Att" tfisser l-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma; Kap. 545.

"awtorità pubblika li timplimenta" tfisser korp regolat b'liġi pubblika li jkun responsabbli għat-twettiq u l-monitoraġġ ta' taxxi fuq l-enerġija jew il-karbonju, skemi finanzjarji u strumenti, inċentivi fiskali, *standards* u normi, skemi ta' ittikkettjar tal-enerġija, taħriġ jew

edukazzjoni;

"awtoritajiet kontraenti" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi;

L.S. 601. 03.

"azzjoni individwali" tfisser azzjoni li twassal għal titjib fl-effiċjenza fl-enerġija li tkun verifikabbli u li tista' titkejjel jew tiġi stmata, bħala riżultat ta' miżura ta' politika;

"Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni" tfisser l-Awtorità mwaqqfa skont l-artikolu 5 tal-Att dwar l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni;

Kap. 623.

"Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1005/KE" tfisser id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Gvern tal-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Komunità Ewropea dwar il-koordinazzjoni ta' programmi ta' l-ittikkettjar ta' l-użu effiċjenti ta' l-enerġija għat-tagħmir ta' l-uffiċċji;

"Deċiżjoni 2008/952/KE" tfisser id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Novembru 2008 li tistabbilixxi linji gwida dettaljati għall-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Anness II tad-Direttiva 2004/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

"distributur tal-enerġija" tfisser persuna fiżika jew ġuridika, inkluż operatur ta' sistema ta' distribuzzjoni, responsabbli għat-trasport tal-enerġija bil-għan li din titqassam lill-klijenti aħħarin jew lil stazzjonijiet ta' distribuzzjoni li jbiegħu l-enerġija lil klijenti aħħarin;

"domanda ekonomikament ġustifikabbli" tfisser id-domanda li ma tkunx teċċedi l-bżonnijiet għal sħana jew tkessiħ u li tista' tkun mod ieħor sodisfatta bil-kondizzjonijiet tas-suq bi proċessi ta' ġenerazzjoni li ma jkunux il-koġenerazzjoni;

"effiċjenza enerġetika" tfisser il-proporzjon bejn dak li joħroġ bħala rendiment, servizz, oġġetti jew enerġija, u d-dħul ta' enerġija;

"effiċjenza globali" tfisser is-somma ta' kull sena tal-elettriku u l-produzzjoni ta' enerġija mekkanika u ta' ħruġ utli ta' sħana diviża bid-dħul ta' karburanti użat għas-sħana prodotta fi proċess ta' koġenerazzjoni u fil-produzzjoni ta' enerġija elettrika u mekkanika globali;

"element tal-bini" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar ir-Rendiment tal-Enerġija fl-Użu tal-Bini;

L.S. 623.01.

"elettriku mill-koġenerazzjoni" tfisser elettriku li jiġi ġenerat fi proċess marbut mal-produzzjoni ta' sħana utli u kalkulat skont il-metodoloġija stabbilita fl-Ewwel Skeda;

"enerġija" tfisser kull forma ta' prodotti ta' enerġija, karburanti kombustibbli, sħana, enerġija li tiġġedded, elettriku jew kull forma

oħra ta’ enerġija, kif imfisser fir-Regolament (KE) Nru/ 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Ottubru 2008 dwar l-istatistika fuq l-enerġija;

"firxa ta’ art utli totali" tfisser il-firxa tal-art ta’ xi bini jew ta’ parti minn bini, fejn l-enerġija tiġi użata biex tikkondizzjona l-klima intern;

"fornitur ta’ servizz tal-enerġija" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li twassal servizzi ta’ enerġija jew miżuri ta’ titjib oħra fl-effiċjenza fl-enerġija fil-faċilità jew fil-fond ta’ klijent finali;

"Gvern" tfisser il-Gvern ta’ Malta u tinkludi d-dipartimenti amministrattivi kollha tal-Gvern li l-kompetenza tagħhom tkun testendi fuq it-territorju kollu ta’ Malta, iżda ma għandhiex tinkludi l-kunsilli lokali;

"iffrankar ta’ enerġija" tfisser l-ammont ta’ enerġija iffrankata stabbilita bil-kejl u, jew stima tal-konsum qabel u wara l-implimentazzjoni ta’ xi miżura waħda jew aktar ta’ titjib fl-effiċjenza fl-enerġija, filwaqt li tiġi żgurata n-normalizzazzjoni għal kundizzjonijiet esterni li jolqtu l-konsum ta’ enerġija;

"impriżi żgħar u ta’ daqs medju" tfisser impriżi kif imfissra fit-Titolu I tal-Anness mar-Rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni 2003/361 tas-6 ta’ Mejju 2003 dwar it-tifsira ta’ impriżi mikro, żgħar u ta’ daqs medju. Il-kategorija ta’ impriżi mikro, żgħar u ta’ daqs medju (SMEs) hija magħmula minn impriżi li jimpjegaw anqas minn mitejn u ħamsin (250) persuna u li għandhom bejgħ ta’ kull sena li ma jaqbiżx ħamsin miljun euro (€50,000,000), u, jew total annwali fil-karta tal-bilanċ li ma jaqbiżx it-tlieta u erbgħin miljun euro (€43,000,000);

"klijent aħħari" jew "klijent finali" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tixtri l-enerġija a bażi ta’ kuntratt individwali u dirett ma’ kumpanija li tforni l-enerġija;

"koġenerazzjoni" tfisser il-ġenerazzjoni simultanja fi proċess wieħed ta’ enerġija termali u enerġija elettrika jew mekkanika;

"koġenerazzjoni b’effiċjenza għolja" tfisser koġenerazzjoni li tkun konformi mal-kriterji stabbiliti fit-Tieni Skeda;

"konsum ta’ enerġija finali" tfisser kull enerġija fornuta lill-industrija, għat-trasport, lill-familji, għas-servizzi u l-agrikoltura:

Iżda teskludi kull twassil li jsir fis-settur ta’ trasformazzjoni tal-enerġija u fl-industriji tal-enerġija nnifishom;

"konsum ta’ enerġija primarja" tfisser konsum globali intern, bl-esklużjoni ta’ kull użu li mhux enerġija;

"korpi pubbliċi" tfisser "awtoritajiet kontraenti" kif imfissra fir- L.S. 601.03.

Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi;

"Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni Ewropea stabbilita bit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kif emendat bit-Trattat ta' Lisbona tal-2009;

"kumpanija li tbigħ l-enerġija bl-imnut" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tbiegħ l-enerġija lil klijenti aħħarin;

"Malta" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma:

Iżda l-Ministru jista' jsemmi lil xi korp biex iwettaq kull funzjoni bħal dik li tiġi attribwita lill-Ministru skont dawn ir-regolamenti:

Iżda wkoll dik it-tismija għandha tiġi pubblikata permezz ta' avviż fil-Gazzetta;

"miżura ta' politika" tfisser strument regolatorju, finanzjarju, fiskali, volontarju jew ta' għoti ta' informazzjoni li jkun ġie stabbilit formalment u implimentat biex joħloq struttura ta' appoġġ, ħtieġa jew inċentiva għal atturi fis-suq biex dawn jipprovdu u jixtru servizzi tal-enerġija u biex jieħdu miżuri oħra ta' titjib fl-effiċjenza fl-enerġija;

"operatur ta' sistema ta' trasmissjoni" tfisser "operatur ta' sistema ta' trasmissjoni" kif imfissra fid-Direttiva 2009/72/KE u fid-Direttiva 2009/73/KE rispettivament;

"parti fdata" tfisser entità legali li tkun delegata b'setgħa mill-Gvern jew minn xi korp pubbliku ieħor biex tiżviluppa, tmexxi jew tħaddem skema ta' finanzjar f'isem il-Gvern jew f'isem xi korp pubbliku ieħor;

"parti obbligata" tfisser id-distributur ta' enerġija jew il-kumpannija li tbiegħ l-enerġija bl-imnut li jkunu marbuta bl-iskemi nazzjonali ta' obbligazzjoni għall-effiċjenza fl-enerġija msemmija fir-regolament 7;

"parti parteċipanti" tfisser impriża jew korp pubbliku li tkun intabtet li tilħaq ċertu għanijiet taħt ftehim volontarju, jew li tkun koperta minn strument ta' politika regolatorja nazzjonali;

"Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Effiċjenza fl-Enerġija" jew "il-pjan" tfisser il-pjan ta' azzjoni maħsuba biex jiksebu il-miri nazzjonali ta' effiċjenza fl-enerġija meħtieġa bis-subregolament (1) tar-regolament 3 u għall-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti;

"proporzjon tal-art" tfisser il-proporzjon bejn iż-żona tal-art u ż-

żona tal-art għall-bini f'territorju partikolari;

"proporzjon bejn qawwa u sħana" tfisser il-proporzjon bejn l-elettriku ġej mill-koġenerazzjoni u s-sħana utli saħħan meta operazzjoni tkun qiegħda ssir b'mod ta' koġenerazzjoni kompluta bl-użu ta' informazzjoni operattiva tal-unità speċifika;

"Regolament (UE) Nru 510/2011" tfisser ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011 li jistabilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet $CO_2$ minn vetturi ħfief;

"Regolament (KE) Nru 443/2009" tfisser ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jittnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ minn vetturi ħfief;

"Regolament (KE) 714/2009" tfisser ir-Regolament (KE) Nru 714/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks għall-bdil bejn il-fruntieri fl-elettriku u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1228/2003;

"Regolament (KE) Nru 1222/2009" tfisser ir-Regolament (KE) Nru 1222/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar it-tikkettjar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u parametri essenzjali oħra;

"Regolament (UE) 2018/1999" tfisser ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

"Regolatur" tfisser Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, imwaqqaf bl-Att;

"ristawr sostanzjali" tfisser ristawr li tkun tiswa' aktar minn ħamsin fil-mija (50%) mill-kost ta' investiment għal unità ġdida mqabbla magħha;

"servizz ta' enerġija" tfisser il-benefiċċju fiżiku, utilità jew oġġett li jinkiseb mit-tagħqid ta' enerġija ma' teknoloġija effiċjenti fl-enerġija jew ma' xi azzjoni, li tista' tinkludi l-operazzjonijiet, il-manutenzjoni u l-kontroll meħtieġ biex jingħata s-servizz, li jingħata fuq il-bażi ta' kuntratt u li f'ċirkostanzi normali ikun wasal biex jirriżulta f'titjib fl-effiċjenza fl-enerġija verifikabbli u li jista' jitkejjel

jew jiġi stmat jew f'iffrankar ta' enerġija primarja;

"sħana utli" tfisser sħana prodotta fi proċess ta' koġenerazzjoni biex tissodisfa domanda li tkun ekonomikament ġustifikabbli għat-tisħin u t-tkessiħ;

"sistema ta' amministrazzjoni tal-enerġija" tfisser sett ta' elementi relatati bejniethom jew li jirrejaġixxu flimkien ta' pjan li jistabbilixxi għan ta' effiċjenza fl-enerġija u strateġija biex jinkiseb dak l-għan;

"sistema ta' distribuzzjoni tal-operatur" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar is-Suq tal-Elettriku, u r-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass Naturali, rispettivament;

L.S. 545. 13.
L.S. 545. 12.

"sistema ta' *smart metering*" tfisser sistema elettroniku li tista' tkejjel il-konsum ta' enerġija, li żżid informazzjoni aktar minn *meter* konvenzjonali, u tista' tibgħat u tirċievi *data* bl-użu ta' forma ta' komunikazzjoni elettronika;

"*Standard* Ewropew" tfisser *standard* adottat mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni, mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettro-teknika jew mill-Istitut Ewropew għal *Standards* dwar it-Telekomunikazzjonijiet, u li jkun disponibbli għall-użu pubbliku;

"*Standard* internazzjonali" tfisser *standard* adottat mill-Organizzazzjoni tal-Istandardizzazzjoni Internazzjonali u li jkun disponibbli għall-pubbliku;

"Stat Membru" tfisser stat membru tal-Unjoni Ewropea;

"tikkuntratta rendiment tal-enerġija" tfisser dak l-arranġament kontrattwali bejn il-benefiċjarju u l-fornitur ta' miżura ta' titjib fl-effiċjenza fl-enerġija, verifikat u monitorjat matul il-perjodu kollu tal-kuntratt, fejn l-investimenti (ħidma, provvista jew servizz) f'dik il-miżura jitħallsu skont il-livell ta' titjib fl-effiċjenza kif miftiehem fil-kuntratt jew skont xi kriterju ta' rendiment ta' enerġija ieħor li jkun miftiehem, bħall-iffrankar finanzjarju;

"tisħin distrettwali" jew "tkessiħ distrettwali" għandu jkollhom l-istess tifsira kif mogħtija fir-Regolamenti dwar ir-Rendiment tal-Enerġija fl-Użu tal-Bini;

L.S. 623.01.

"tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti" tfisser sistema ta' tisħin jew tkessiħ distrettwali li mill-inqas tuża ħamsin fil-mija (50%) mill-enerġija li tiġġedded, ħamsin fil-mija (50%) ta' sħana mormija, ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) ta' sħana koġenerata jew ħamsin fil-mija (50%) ta' tgħaqqid ta' dawn ix-xorta ta' enerġija u sħana;

"tisħin u tkessiħ effiċjenti" tfisser għażla ta' tisħin u tkessiħ li meta mqabbla ma' xenarju tal-bażi li jkun jirrifletti sitwazzjoni

normali tkun tnaqqas b'mod li jista' jitkejjel id-dħul tal-enerġija primarja meħtieġa biex tforni unità waħda ta' enerġija mwassla fil-konfini ta' sistema rilevanti b'mod effettiv fil-kost, kif stmati fl-analiżi ta' benefiċċju fil-kost imsemmija f'dawn ir-regolamenti, filwaqt li jitqiesu l-enerġija meħtieġa għall-estrazzjoni, konverżjoni, trasport u distribuzzjoni;

"tisħin u tkessiħ effiċjenti individwali" tfisser għażla ta' provvista ta' tisħin u tkessiħ individwali li meta mqabbla ma' tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti tkun tnaqqas b'mod li jista' jitkejjel id-dħul tal-enerġija primarja li ma tiġġeddidx meħtieġa biex tforni unità waħda ta' enerġija mwassla fil-konfini ta' sistema rilevanti jew li tkun teħtieġ l-istess dħul ta' enerġija primarja li ma tiġġeddidx iżda bi spiża aktar baxxa, waqt li titqies l-enerġija meħtieġa għall-estrazzjoni, konverżjoni, trasport u distribuzzjoni;

"titjib fl-effiċjenza fl-enerġija" tfisser żieda fl-effiċjenza fl-enerġija bħala riżultat ta' bidliet teknoloġiċi, fl-attitudni u, jew ekonomiċi;

"Trattat" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-Att dwar l-Unjoni Ewropea; Kap. 460.

"unità ta' bini" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar ir-Rendiment tal-Enerġija fl-Użu tal-Bini; L.S. 623.01.

"unità ta' koġenerazzjoni" tfisser unità li tista' topera b'modalità ta' koġenerazzjoni;

"unità ta' koġenerazzjoni fuq skala żgħira" tfisser unità ta' koġenerazzjoni b'kapaċità installata taħt 1MWe;

"unità ta' mikro koġenerazzjoni" tfisser unità ta' koġenerazzjoni li jkollha kapaċità massima taħt il-50 kWe;

"Unjoni Ewropea" jew "Unjoni" tfisser l-Unjoni Ewropea kif tissemma fit-Trattat;

"utent aħħari" jew "utent finali" għal dak li għandu x'jaqsam mar-regolament 16 u t-Taqsima II tas-Seba' Skeda, tfisser okkupant ta' bini jew ta' unità individwali ta' binja b'aktar minn appartament jew użu wieħed fejn din l-unità tiġi fornuta b'tisħin, tkessiħ jew b'ilma sħun domestiku minn sors ċentrali u fejn l-okkupant ma għandu ebda kuntratt dirett jew individwali mal-fornitur tal-enerġija, kif ukoll kull klijent aħħari li jixtri l-enerġija biex isaħħan, ikessaħ jew għall-ilma sħun domestiku għal użu aħħari tiegħu nnifsu

"verifika tal-enerġija" tfisser proċedura sistematika biex jinkiseb għarfien adegwat tal-profil ta' konsum ta' enerġija eżistenti ta' xi bini jew grupp ta' binjiet, ta' xi operazzjoni industrijali jew kummerċjali jew ta' xi installazzjoni jew ta' xi servizz privat jew pubbliku, biex tidentifika u tikkwantifika opportunitajiet effettivi fil-

kost ta' iffrankar ta' enerġija, u tagħmel rapporti fuq dak li ssib.

Il-Ministru jagħmel mira nazzjonali ta' effiċjenza fl-enerġija.

**3.** (1) Il-Ministru għandu jistabbilixxi mira nazzjonali ta' effiċjenza fl-enerġija għall-2020, ibbażata jew fuq il-konsum primarju jew fuq dak finali tal-enerġija, l-iffrankar fuq l-enerġija primarja jew finali, jew fuq l-intensità tal-enerġija. Meta jkun qiegħed jgħarraf dawn il-miri lill-Kummissjoni, il-Ministru għandu jfissirhom ukoll skont livell assolut livell ta' konsum ta' enerġija primarja u ta' konsum ta' enerġija finali fl-2020 u għandu jispjega kif, u fuq il-bażi ta' liema informazzjoni, dan ikun ġie kalkulat. Meta jsiru dawn il-miri, il-Ministru għandu jqis:

(a) li l-konsum ta' enerġija tal-Unjoni fl-2020 ma għandux ikun ta' aktar minn 1474 Mtoe mill-enerġija primarja jew mhux aktar minn 1078 Mtoe mill-enerġija finali;

(b) il-miżuri li hemm provdut dwarhom f'dawn ir-regolamenti;

(ċ) il-miżuri adottati biex jintlaħqu l-miri nazzjonali ta' iffrankar ta' enerġija adottati konformement mas-subregolament (1) tar-regolament 4 tar-Regolamenti dwar Effiċjenza fl-Użu Finali tal-Enerġija u dwar Servizzi ta' Enerġija; u

L.S. 545. 21.

(d) miżuri oħra biex iġibu 'l quddiem l-effiċjenza fl-enerġija fl-Istati Membru u fil-livell tal-Unjoni.

(2) Meta jkun qiegħed jistabbilixxi l-mira nazzjonali ta' effiċjenza fl-enerġija, il-Ministru jista' jqis iċ-ċirkostanzi nazzjonali li jkunu jolqtu l-konsum ta' enerġija primarja, bħall-potenzjal li jifdal għall-iffrankar ta' enerġija li jkun kosteffettiv, l-evoluzzjoni u tbassir dwar il-PGD, tibdil fl-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' enerġija, l-iżvilupp tas-sorsi kollha ta' kull enerġija li tiġġedded, l-enerġija nukleari, il-qbid u l-ħżin tal-karbonju (CCS), u kull azzjoni bikrija.

(3) Il-Ministru għandu jistabbilixxi il-kontribuzzjoni nazzjonali ndikattiva għall-effiċjenza fl-enerġija lejn il-mira tal-Unjoni kif deskritt fis-subregolament (3) tar-regolament 1, skont l-Artikoli 4 u 6 tar-Regolament (UE) 2018/1999. Meta tiġi stabbilita din il-kontribuzzjoni, il-Ministru għandu jqis illi li l-konsum ta' enerġija tal-Unjoni għas-sena 2030 ma għandux ikun aktar minn 1,273 Mtoe mill-enerġija primarja u, jew mhux aktar minn 956 Mtoe mill-enerġija finali.

(4) Il-kontribuzzjoni msemmija fis-subregolament (3) għandha tkun notifikata mill-Ministru lill-Kummissjoni bħala parti mill-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima Malti kif imsemmi fl-Artikoli 3 u minn 7 sa 12 tar-Regolament Nru (UE) 2018/1999 u f'konformità magħhom.

Strateġija fit-tul.

**4.** (1) Għanda tiġi stabbilita strateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul b'appoġġ għar-rinnovazzjoni tal-istokk nazzjonali ta' bini residenzjali u bini mhux residenzjali, kemm pubbliku kif ukoll privat skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8A tar-Regolamenti dwar ir-Rendiment tal-Enerġija fl-Użu tal-Bini. L.S. 623.01.

(2) L-ewwel verżjoni tal-istrateġija fit-tul għall-mobilizzazzjoni tal-investiment fir-rinnovazzjoni tal-istokk nazzjonali ta' bini residenzjali u kummerċjali, kemm pubbliku kemm privat, għandha tiġi ppubblikata sat-30 ta' April 2014. Verżjoni aġġornata ta' din l-istrateġija għandha tiġi ppubblikata mill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni kull tliet snin, li għandhom jibdew għaddejin mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dik l-ewwel verżjoni. Il-verżjonijiet aġġornati għandhom jiġu ppreżentati wkoll mill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni lill-Ministru biex dawn jiġu nklużi fil-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u għall-klima meħtieġa mir-Regolament (UE) 2018/1999.

Ħtiġiet dwar bini tal-Gvern, eċċ. L.S. 623.01

**5.** (1) (a) Mingħajr preġudizzju għar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar ir-Rendiment tal-Enerġija fl-Użu tal-Bini, l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni tista' tieħu miżuri li jkunu effettivi paragunati mal-kost, inklużi rinovazzjonijiet profondi u miżuri għal bidla fl-imġiba tal-okkupanti, sabiex sal-2020 jiksbu ammont ta' ffrankar tal-enerġija f'bini eliġibbli li huwa l-proprjetà ta' u okkupat mill-Gvern li jkun mill-inqas ekwivalenti għal dak meħtieġ fil-paragrafu 1 tal-artikolu 5 tad- Direttiva 2012/27/UE, liema ammont irid ikun rappurtat fuq bażi annwali lill-Ministru.

(b) L-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni għandha tistma l-iffrankar ta' enerġija msemmi fil-paragrafi 1 sa 5 tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2012/27/UE billi juża valuri adatti ta' *standard* għall-konsum ta' enerġija ta' bini tal-Gvern ċentrali ta' referenza qabel u wara r-ristawr u skont l-estimi tal-wiċċ tar-riżerva tagħhom. Il-kategoriji ta' bini tal-Gvern centrali ta' referenza għandu jkun jirrappreżenta r-riżerva ta' dak il-bini.

(ċ) Il-Ministru għandu javża lill-Kummissjoni, bil-miżuri li jkunu ppjanati biex jiġu adottati u li jkunu juru kif dawn kieku jiksbu titjib ekwivalenti fir-rendiment tal-enerġija ta' bini fi ħdan il-qasam tal-Gvern.

(2) Għall-finijiet li tiġi stabbilita l-ekwivalenza tal-iffrankar meħtieġa li ssir skont is-subregolament (1) mal-iffrankar tal-enerġija msemmi taħt il-paragrafi 1 sa 4 tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2012/27/UE, l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni, b'kollaborazzjoni mal-Awtorità tal-Artijiet,għandu jistabbilixxi u jagħmel pubblikament disponibbli inventarju ta' bini tal-Gvern Ċentrali li jkun imsaħħan u, jew imkessaħ u li jkollu firxa ta' art utli totali ta' iżjed minn 250 m$^2$, eskluż bini eżentat fuq il-bażi tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2012/27/UE, u li jkun fih din l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-firxa tal-art f'm$^2$; u

(b) ir-rendiment ta' enerġija ta' kull bini jew informazzjoni rilevanti oħra dwar l-enerġija.

(3) L-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni għandha jinkoraġġixxi lil korpi pubbliċi, inklużi dawk f'livell reġjonali u lokali, u lil korpi dwar l-akkomodazzjoni soċjali regolati bid-dritt pubbliku, filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenzi rispettivi u l-istrutturi amministrattivi tagħhom, biex dawn:

(a) jadottaw pjan ta' effiċjenza fl-enerġija, li jimxi waħdu jew bħala parti minn pjan ta' klima aktar wiesgħa jew wieħed ambjentali, li jkun fih għanijiet u azzjonijiet speċifiċi ta' iffrankar u effiċjenza fl-enerġija, bil-għan li jiġi segwit ir-rwol eżemplari tal-bini tal-Gvern stabbilit fis-subregolamenti (1) u (2);

(b) jinstallaw sistema ta' ġestjoni ta' enerġija, inklużi verifiki tal-enerġija, bħala parti mill-implimentazzjoni tal-pjan tagħhom;

(ċ) jużaw, fejn ikun adatt, kumpaniji ta' servizzi tal-enerġija, u kkuntrattar dwar ir-rendiment tal-enerġija biex jiġi ffinanzjat ir-ristawr u jiġu implimentati pjanijiet biex iżommu jew itejbu l-effiċjenza fl-enerġija għal żmien twil.

L-akkwisti li jagħmlu l-awtoritajiet kontraenti jkunu effettivi paragunati mal-kost.

**6.** (1) L-awtoritajiet kontraenti għandhom jixtru biss prodotti, servizzi u bini li jkunu jirrendu ħafna fl-effiċjenza fl-enerġija, sakemm dan ikun konsistenti mal-effettività paragunata mal-kost, il-fattibilità ekonomika, sostenibbiltà aktar wiesgħa, konvenjenza teknika, kif ukoll kompetenza suffiċjenti, kif imsemmi fit-Tielet Skeda. L-obbligu msemmi hawn qabel għandu jkun japplika għal kuntratti għax-xiri ta' prodotti, servizzi u bini minn korpi pubbliċi sakemm dawn il-kuntratti jkollhom valur ugwali għal jew akbar mill-livelli stabbiliti bl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2004/18/KE kif emendata:

L.S. 601.07.

Iżda dak l-obbligu għandu japplika għall-kuntratti tal-forzi armati, sal-limitu biss li l-mod kif jiġi applikat ma jkun jikkawża ebda konflitt mal-għan u l-mira finali tal-attivitajiet tal-forzi armati u bl-eċċezzjoni ta' tagħmir militari kif definit fir-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet Kontraenti jew Entitajiet fl-oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà.

(2) Il-korpi pubbliċi għandhom jiġu mħeġġa mill-Ministru, inkluż fil-livell ta' kunsilli lokali, b'konsiderazzjoni għall-kompetenzi rispettivi u tal-istruttura amministrattiva tagħhom, biex isegwu r-rwol eżemplari ta' dipartimenti tal-Gvern li jixtru biss prodotti, servizzi u bini li jirrendu effiċjenza għolja ta' enerġija. Il-korpi pubbliċi

għandhom ikunu wkoll inkoraġġiti meta jkunu qegħdin joħorġu offerti għal kuntratti ta' servizz b'kontenut sinifikanti ta' enerġija, li jeżaminaw il-possibbiltà li jsiru kuntratti ta' rendiment ta' enerġija matul perjodu twil li jkunu jipprovdu għal iffrankar ta' enerġija matul perjodu twil.

(3) Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (1), meta jinxtara pakkett ta' prodotti kopert kollu kemm hu minn att delegat adottat taħt id-Direttiva 2010/30/UE, l-effiċjenza fl-enerġija aggregata jkollha prijorità fuq l-effiċjenza fl-enerġija ta' prodotti individwali fi ħdan dak il-pakkett, billi jinxtara l-pakkett tal-prodott li jkun konformi mal-kriterju ta' appartenenza għall-ogħla klassi ta' effiċjenza fl-enerġija.

**7.** (1) Il-Ministru għandu jiżgura li jinkiseb iffrankar kumulattiv fl-użu aħħari tal-enerġija tal-anqas ekwivalenti għall-:

Obbligu tal-iffrankar tal-enerġija..

(a) iffrankar ġdid kull sena mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 ta' wieħed punt ħamsa fil-mija (1.5%) tal-bejgħ annwali lill-klijenti aħħarin skont il-volum, fuq il-medja ta' l-aħħar perjodu ta' tliet (3) snin qabel l-1 ta' Jannar 2013. Il-bejgħ tal-enerġija, bil-volum, għall-użu fit-trasport jista jiġi eskluż parzjalment jew kompletament minn dan il-kalkolu; u

(b) iffrankar gdid kull sena mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2030 ekwivalenti għal żero punt tnejn erbgħa fil-mija (0.24%) tal-konsum finali annwali tal-enerġija, fuq medja tal-perjodu ta' tliet (3) snin l-aktar riċenti qabel l-1 ta' Jannar 2019.

(2) L-iffrankar tal-enerġija li jirriżulta minn miżuri ta' politika, kemm jekk introdotti sal-31 ta' Diċembru 2020 jew wara dik id-data, jista' jingħadd, sakemm dawk il-miżuri jirriżultaw f'azzjonijiet individwali ġodda li jitwettqu wara l-31 ta' Diċembru 2020.

(3) Iffrankar annwali ġdid skont il-paragrafu (b) tas-subregolament (1) għandu jibqa jinkiseb għal perjodi ta' għaxar (10) snin wara s-sena 2030, sakemm reviżjonijiet tal-Kummissjoni sal-2027 u kull perjodu sussegwenti ta' għaxar (10) snin, ma jikkonkludux li dan mhuwiex meħtieġ biex jintlaħqu l-miri fit-tul tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima għall-2050.

(4) Il-Ministru għandu jiddeċiedi kif iqassam il-kwantità kkalkulata tal-iffrankar ġdid imsemmija fuq kull perjodu stabbilit fil-paragrafi (a) u (b) tas-subregolament (1), sakemm it-total kumulattiv ta' iffrankar fl-użu finali tal-enerġija meħtieġ ikun intlaħaq sat-tmiem ta' kull perjodu ta' obbligu.

(5) Sakemm mill-inqas l-obbligu fl-iffrankar kumulattiv fl-

użu aħħari fl-enerġija, kif stabbilit fil-paragrafu (b) tas-subregolament (1) ikun intlaħaq, l-ammont meħtieġ ta' iffrankar fl-enerġija jista' jiġi kkalkulat b'wieħed jew aktar mill-mezzi li ġejjin:

(a) billi tiġi applikata rata ta' ffrankar annwali fuq il-bejgħ tal-enerġija lil klijenti aħħarin jew fuq il-konsum finali tal-enerġija, fuq medja tal-aktar perjodu ta' tliet (3) snin riċenti qabel l-1 ta' Jannar 2019;

(b) billi tiġi eskluża kompletament jew in parti mix-xenarju bażi tal-kalkolu dik l-enerġija użata fit-trasport;

(ċ) billi jiġu applikati dawk l-għażliet kif stabbiliti fis-subregolament (7).

(6) Meta d-dispożizzjonijiet maħsuba fis-subregolament (5) jiġu applikati, għandhom jiġu stabbiliti:

(a) ir-rata annwali ta' iffrankar li għandha tiġi applikata fil-kalkolu tal-iffrankar kumulattiv fl-użu aħħari fl-enerġija li biha jiġi żgurat li l-iffrankar nett fl-enerġija ma jkunx inqas minn dak maħsub taħt il-paragrafu (b) tas-subregolament (1); u

(b) ix-xenarju bażi tal-kalkolu, li jista' jeskludi, kompletament jew in parti, l-energija użata fit-trasport.

(7) Il-Ministru jista', skont is-subregolament (8):

(a) jagħmel il-kalkolu meħtieġ fil-paragrafu (a) tas-subregolament (1) billi juża valuri ta' wieħed fil-mija (1%) għall-2014 u 2015, wieħed punt tnejn ħamsa fil-mija (1.25%) għall-2016 u l-2017, u wieħed punt ħamsa fil-mija (1.5%) għall-2018, 2019 u 2020;

(b) jeskludi mill-kalkolu l-bejgħ kollu jew parti mill-bejgħ tal-enerġija użata, bil-volum, b'rabta mal-perjodu ta' obbligu msemmi fil-paragrafu (a) tas-subregolament (1), jew l-enerġija finali kkunsmata, b'rabta mal-perjodu ta' obbligu msemmi fil-paragrafu (b) ta' dak is-subregolament, mill-attivitajiet industrijali elenkati fl-Iskeda 1 li tinsab
L.S. 423. 50. mar-Regolamenti dwar Sistema Kummerċjali tal-Unjoni Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra għal Installazzjonijiet Stazzjonarji;

(ċ) jgħodd mal-ammont ta' ffrankar tal-enerġija

meħtieġ, iffrankar tal-enerġija miksub fis-setturi tat-trasformazzjoni, id-distribuzzjoni u t-trasmisssjoni tal-enerġija, inkluża infrastruttura effiċjenti ta' tisħin distrettwali u tkessiħ distrettwali, bħala riżultat tal-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fis-subregolamenti (5) u (6)(b) tar-regolament 21 u s-subregolamenti (1) sa (6) u (10) tar-regolament 22. Il-Kummissjoni għanda tiġi mgħarrfa dwar il-miżuri ta' politika maħsubin skont dan il-paragrafu għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2030 bħala parti mill-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima. L-impatt ta' dawk il-miżuri għandu jiġi kkalkulat skont il-Ħames Skeda u inkluż fl-imsemmi pjan;

(d) jgħodd mal-ammont ta' ffrankar tal-enerġija meħtieġ, l-iffrankar tal-enerġija li jirriżulta minn azzjonijiet individwali ġodda li jkunu ġew implimentati mill-31 ta' Diċembru 2008 li jkomplu jkollhom impatt fl-2020 fir-rigward tal-perjodu ta' obbligu msemmi fil-paragrafu (a) tas-subregolament (1) u lil hinn mill-2020 fir-rigward tal-perjodu msemmi fil-paragrafu (b) tas-subregolament (1), u li jista' jitkejjel u jiġi vverifikat;

(e) jgħodd mal-ammont ta' ffrankar tal-enerġija meħtieġ, l-iffrankar tal-enerġija li jirriżulta minn miżuri ta' politika sakemm jista' jintwera li dawk il-miżuri jirriżultaw f'azzjonijiet individwali mwettqa mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2020 li jwasslu għal iffrankar wara l-31 ta' Diċembru 2020;

(f) jeskludi mill-kalkolu tal-ammont ta' ffrankar tal-enerġija meħtieġ, tletin fil-mija (30%) tal-ammont verifikabbli ta' enerġija ġġenerata fuq jew fil-bini għal użu proprju b'riżultat ta' miżuri ta' politika li jippromwovu l-installazzjonijiet ġodda ta' teknoloġiji ta' enerġija rinnovabbli;

(g) jgħodd mal-ammont ta' ffrankar tal-enerġija meħtieġ, dak l-iffrankar tal-enerġija li jeċċedi l-iffrankar tal-enerġija meħtieġ għall-perjodu ta' obbligu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020, sakemm dak l-iffrankar jirriżulta minn azzjonijiet individwali mwettqa taħt miżuri ta' politika msemmija fir-regolamenti 8 u 9, li ngħatat notifika dwarhom fil-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali tagħhom għall-Effiċjenza fl-Enerġija u rappurtati

fir-rapporti tal-progress tagħhom.

(8) L-applikazzjoni tal-għażliet magħżula taħt is-subregolament (7) għandha tkun separata għall-perjodi imsemmija fil-paragrafi (a) u (b) tas-subregolament (1) u l-effett tagħhom għandu jigi kkalkulat kif ġej:

(a) għall-kalkolu tal-ammont ta’ ffrankar tal-enerġija meħtieġ għall-perjodu ta’ obbligu msemmi fil-paragrafu (a) tas-subregolament (1), jistgħu jintużaw il-paragrafi (a) sa (d) tas-subregolament (7). L-għażliet kollha magħżula taħt is-subregolament (7) meħudin flimkien iridu jammontaw għal mhux aktar minn ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-ammont ta’ ffrankar tal-enerġija msemmi fil-paragrafu (a) tas-subregolament (1);

(b) għall-kalkolu tal-ammont ta’ ffrankar tal-enerġija meħtieġ għall-perjodu ta’ obbligu msemmi fil-paragrafu (b) tas-subregolament (1), jistgħu jintużaw il-paragrafi (b) sa (g) tas-subregolament (7), sakemm l-azzjonijiet individwali msemmija fil-paragrafu (d) tas-subregolament (7) ikomplu jkollhom impatt verifikabbli u li jista' jitkejjel wara l-31 ta’ Diċembru 2020. L-għażliet kollha magħżula skont is-subregolament (7) meħudin flimkien ma għandhomx iwasslu għal tnaqqis ta' aktar minn ħamsa u tletin fil-mija (35%) tal-ammont ta’ ffrankar tal-enerġija kkalkulat skont is-subregolamenti (5) u (6):

Iżda irrespettivament minn jekk tiġix eskluża kompletament jew parzjalment l-enerġija użata fit-trasport mix-xenarju bażi tal-kalkolu, jew jekk jintużawx kwalunkwe mill-għażliet elenkati fis-subregolament (7), il-Ministru għandu jiżgura li l-ammont nett ikkalkulat ta' ffrankar ġdid li jrid jinkiseb fil-konsum finali tal-enerġija matul il-perjodu ta’ obbligu mill-1 ta’ Jannar 2021 sal-31 ta’ Diċembru 2030 ma jkunx aktar baxx mill-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tar-rata ta’ ffrankar annwali msemmija fil-paragrafu (b) tas-subregolament (1).

(9) Il-kalkolu tal-ammont ta’ ffrankar tal-enerġija li għandu jinkiseb tul il-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2021 sal-31 ta’ Diċembru 2030 imsemmi fil-paragrafu (b) tas-subregolament (1) għandu jiġi deskritt fil-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima skont l-Anness III tar-Regolament (UE) 2018/1999 liema pjan għandu jinkludi, jekk ikun rilevanti, spjegazzjoni ta’ kif ġew stabbiliti r-rata ta’ ffrankar annwali u x-xenarju bażi tal-kalkolu u kif, u sa liema punt, ġew applikati l-għażliet imsemmijin fis-subregolament (7).

(10) L-iffrankar fl-enerġija miksub wara l-31 ta’ Diċembru

2020 ma jistax jiġi magħdud mal-ammont ta' ffrankar tal-enerġija meħtieġ għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020.

(11) Fejn il-partijiet obbligati jitħallew mill-Ministru li jagħmlu użu mill-għażla msemmija fil-paragrafu (b) tas-subregolament (6) tar-regolament 8, għal finijiet tal-paragrafu (a) tas-subregolament (1) l-iffrankar tal-enerġija miksub fi kwalunkwe sena partikolari wara l-2010 u qabel il-perjodu ta' obbligu msemmi fil-paragrafu (a) tas-subregolament (1) jista' jingħadd daqs li kieku l-iffrankar tal-enerġija inkiseb wara l-31 ta' Diċembru 2013 u qabel l-1 ta' Jannar 2021, sakemm ikunu japplikaw iċ-ċirkostanzi kollha ta' hawn taħt:

(a) l-iskema ta' obbligu ta' effiċjenza fl-enerġija kienet fis-seħħ fi kwalunkwe punt bejn il-31 ta' Diċembru 2009 u l-31 ta' Diċembru 2014 u kienet inkluża fl-ewwel Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Effiċjenza fl-Enerġija tal-Istat Membru;

(b) l-iffrankar ikun ġie ġġenerat skont l-iskema ta' obbligu;

(ċ) l-iffrankar jiġi kkalkulat skont il-Ħames Skeda;

(d) is-snin li għalihom l-iffrankar jingħadd bħala li nkiseb ikunu ġew irrappurtati fil-Pjani ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Effiċjenza fl-Enerġija.

(12) L-iffrankar li jirriżulta minn-miżuri ta' politika, li għalihom issir referenza fir-regolamenti 8 u 9 u s-subregolament (4) tar-regolament 27 għandu jiġi kkalkulat skont il-Ħames Skeda.

(13) L-iffrankar ta' enerġija meħtieġ skont is-subregolament (1) għandu jiġi miksub billi tiġi stabbilita skema ta' obbligu ta' effiċjenza fl-enerġija kif stipulat fir-regolament 8 jew, billi jiġu addottati miżuri ta' politika alternattivi msemmija fir-regolament 9, iżda l-iskema ta' obbligu ta' effiċjenza fl-enerġija tista' tiġi kkombinata ma' miżuri ta' politika alternattivi.

(14) Il-ħtieġa li jittaffa l-faqar enerġetiku għandha tiġi meqjusa fit-tfassil tal-miżuri ta' politika li bihom huwa mmirat li jiġu ssodisfati l-obbligi ta' ffrankar ta' l-enerġija stabbiliti fis-subregolament (1). Sehem mill-miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija fi kwalunkwe skema nazzjonali ta' obbligu ta' effiċjenza fl-enerġija, mill-miżuri ta' politika alternattivi, jew mill-programmi jew miżuri iffinanzjati taħt il-qafas ta' Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza fl-Enerġija, għandu jiġi implimentat bħala prijorità fost unitajiet domestiċi vulnerabbli, inkluż dawk milquta mill-faqar enerġetiku u, fejn xieraq, fl-akkomodazzjoni soċjali.

(15) Informazzjoni dwar ir-riżultat tal-miżuri biex jittaffa l-

faqar enerġetiku skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandha tiġi inkluża fir-rapporti ta' progress integrati nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima skont ir-Regolament (UE) 2018/1999.

(16) Il-Ministru għandu juri li fejn jirriżulta li jkun hemm xi koinċidenza fl-impatt ta' miżuri ta' politika jew azzjonijiet individwali, ma jsirx għadd doppju ta' ffrankar tal-enerġija.

Skema ta' obbligu ta' effiċjenza fl-enerġija.

**8.** (1) Fejn il-Ministru jiddeċiedi li jwettaq l-obbligu biex jinkiseb l-ammont ta' ffrankar meħtieġ skontis-subregolament (1) tar-regolament 7 permezz ta' skema ta' obbligu ta' effiċjenza fl-enerġija, għandu jiżgura li jkun hemm qafas fil-post sabiex il-partijiet obbligati kif imsemmija fis-subregolament (2), mingħajr preġudizzju għas-subregolamenti (7) u (8) tar-regolament 7 jissoddissfaw ir-rekwiżit tagħhom ta' ffrankar kumulattiv fl-użu finali tal-enerġija stabbilit fis-subregolament (1) tar-regolament 7:

Iżda fejn applikabbli, il-Ministru jista jiddeċiedi illi l-partijiet obbligati jissodisfaw dak l-iffrankar, kompletament jew in parti, bħala kontribuzzjoni għall-Fond Nazzjonali dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija skont is-subregolament (4) tar-regolament 27.

(2) Il-Ministru għandu jinnomina, fuq bażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, partijiet obbligati fost id-distributuri tal-enerġija, il-kumpanniji li jbigħu l-enerġija fil-livell tal-konsum u d-distributuri ta' karburant għat-trasport jew bejjiegħa fil-livell tal-konsum ta' karburant għat-trasport li joperaw f'Malta. L-ammont ta' ffrankar tal-enerġija meħtieġ biex jitħares l-obbligu għandu jinkiseb mill-partijiet obbligati fost il-klijenti aħħarin, nominati mill-Ministru, indipendentement mill-kalkolu magħmul skont is-subregolament (1) tar-regolament 7 jew, jekk il-Ministru jiddeċiedi hekk, permezz ta' ffrankar iċċertifikat li jkun ġej minn partijiet oħra kif deskritt fil-paragrafu (a) tas-subregolament (5).

Ir-Regolatur għandu jistabbilixxi kundizzjonijiet ġodda għall-awtorizzazzjoni jew awtorizzazzjonijiet oħrajn addizzjonali ma' dawk l-awtorizzazzjonijiet eżistenti, maħruġa taħt l-Att jew permezz ta' leġiżlazzjoni sussidjarja taħt l-istess, li bihom fornitur awtorizzat jiġi meħtieġ li jikkonforma ma' kwalunkwe skema ta' obbligu ta' effiċjenza fl-enerġija stabbilita mill-Ministru, fejn l-istess fornituri awtorizzati huma nnominati bħala parti obbligata.

(3) Fejn kumpaniji tal-bejgħ tal-enerġija fil-livell tal-konsum ikunu nnominati bħala partijiet obbligati taħt is-subregolament (2), ir-Regolatur, għandu jiżgura li waqt li qed jissodisfaw l-obbligu tagħhom, kumpanniji tal-bejgħ tal-enerġija fil-livell tal-konsum ma joħolqu l-ebda xkiel li jimpedixxi lill-konsumaturi milli jaqilbu minn fornitur għal ieħor.

(4) Il-Ministru għandu jesprimi l-ammont ta' ffrankar tal-enerġija meħtieġ minn kull parti obbligata f'termini ta' konsum finali

jew primarju tal-enerġija. Il-metodu magħżul biex jiġi espress l-ammont ta' ffrankar tal-enerġija meħtieġ għandu jintuża wkoll biex jiġi kkalkulat l-iffrankar iddikjarat mill-partijiet obbligati. Għandhom japplikaw il-fatturi ta' konverżjoni stabbiliti fir-Raba' Skeda.

(5) Fi skema ta' obbligu ta' effiċjenza fl-enerġija, il-Ministru jista' jagħmel waħda jew it-tnejn minn dawn li ġejjin:

(a) iħalli lill-partijiet obbligati jgħoddu mal-obbligu tagħhom l-iffrankar tal-enerġija ċċertifikat miksub minn fornituri ta' servizzi tal-enerġija jew partijiet terzi oħrajn, inkluż meta partijiet obbligati jippromwovu miżuri permezz ta' korpi oħrajn approvati mill-Istat jew permezz ta' awtoritajiet pubbliċi li jistgħu jkunu jinvolvu sħubijiet formali u jistgħu jkunu kkombinati ma' sorsi oħra ta' finanzjament, sakemm fejn dan ikun permess, għandu jiġi żgurat li ċ-ċertifikazzjoni tal-iffrankar tal-enerġija ssegwi proċess ta' approvazzjoni li jkun ċar, trasparenti, u miftuħ għall-parteċipanti kollha tas-suq, u li jkollu l-għan li jimminimizza l-ispejjeż taċ-ċertifikazzjoni;

(b) iħalli lill-partijiet obbligati jgħoddu l-iffrankar miksub f'sena partikolari bħallikieku nkiseb fi kwalunkwe waħda mill-erba' (4) snin preċedenti jew mit-tliet (3) snin sussegwenti sakemm dan ma jmurx lil hinn mit-tmiem tal-perjodi ta' obbligu stabbiliti fis-subregolament (1) tar-regolament 7.

(6) Ir-Regolatur għandu d-dritt li jikseb *data* awditjata fi żmien raġjonevoli mingħand il-partijiet obbligati fir-rigward ta' dan l-iffrankar iċċertifikat. Ir-Regolatur jista' jaqsam l-imsemmija *data* vverifikata mal-Ministru.

(7) Ir-Regolatur għandu jistabbilixxi sistemi ta' kejl, kontroll u verifika li fil-qafas tagħhom issir verifika dokumentata fuq tal-inqas proporzjon statistikament sinifikanti u kampjun rappreżentattiv tal-miżuri għat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija attwati mill-partijiet obbligati. Il-kejl, kontroll u verifika għandhom jitwettqu indipendentement mill-partijiet obbligati. Ir-Regolatur jista' jaqsam l-informazzjoni kollha li tirriżulta minn tali sistemi ta' kejl, kontroll u verifika mal-Ministru.

(8) Fuq bażi annwali r-Regolatur għandu jippubblika l-iffrankar fl-enerġija ta' kull parti obbligata jew ta' kull sottokategorija ta' parti obbligata, kif ukoll it-total taħt l-iskema.

(9) Il-Ministru għandu jivvaluta u, jekk xieraq, jieħu miżuri biex jimminimizzaw l-impatt tal-ispejjeż diretti u indiretti ta' skemi ta' obbligu ta' effiċjenza fl-enerġija fuq il-kompetittività tal-industriji li jużaw ħafna enerġija li huma esposti għall-kompetizzjoni internazzjonali.

Miżuri ta' politika alternattivi.

**9.** (1) Fejn il-Ministru jiddeċiedi li jwettaq l-obbligi biex jinkiseb l-iffrankar meħtieġ skont is-subregolament (1) tar-regolament 7 permezz ta' miżuri ta' politika alternattivi, il-Ministru għandu jiżgura, mingħajr preġudizzju għas-subregolamenti (7) u (8) tar-regolament 7, li l-iffrankar tal-enerġija meħtieġ skont is-subregolament (1) tar-regolament 7 għandu jinkiseb fost il-klijenti aħħarin.

(2) Għall-miżuri kollha għajr dawk li jirrelataw mal-intaxxar, il-Ministru għandu jistabbilixxi sistemi ta' kejl, kontroll u verifika li taħthom issir verifika dokumentata fuq tal-inqas proporzjon u kampjun rappreżentattiv statistikament sinifikanti tal-miżuri għat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija attwati mill-partijiet parteċipanti jew inkarigati. Il-kejl, kontroll u verifika għandhom jitwettqu indipendentement mill-partijiet parteċipanti jew inkarigati.

Disponibilità ta' verifiki tal-enerġija għall-klijenti aħħarin.

**10.** (1) Il-Ministru għandu jippromwovi disponibilità għall-klijenti aħħarin kollha ta' verifiki tal-enerġija ta' kwalità għolja li jkunu effettivi paragunati mal-kost u li jsiru b'mod indipendenti minn esperti kwalifikati jew akkreditati skont il-kriterji ta' kwalifika.

(2) Il-verifiki tal-enerġija msemmija fis-subregolament (1) jistgħu jsiru minn esperti interni jew minn awdituri tal-enerġija:

Iżda dan isir sakemm il-Ministru jkun adotta skema biex jiżgura u jivverifika l-kwalità tagħhom, inkluża, jekk din tkun adatta, għażla każwali ta' kull sena ta' perċentwali li tkun mill-inqas statistikament sinifikanti tal-verifiki tal-enerġija kollha li jsiru.

(3) Għall-iskop li tiġi garantita l-kwalità għolja tal-verifiki tal-enerġija u ta' sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija, il-Ministru għandu jistabbilixxi kriterji minimi trasparenti u mhux diskriminatorji għall-verifiki tal-enerġija bażati fuq il-prinċipji stabbiliti fis-Sitt Skeda.

(4) Il-verifiki tal-enerġija ma għandhomx jinkludu klawżoli li jkunu jipprevjenu r-riżultanzi tal-verifika milli jiġu trasferiti lil xi fornitur tas-servizz tal-enerġija kwalifikat u, jew akkreditat, sakemm il-klijent ma joġġezzjonax. Minkejja dan ta' hawn qabel, ir-riżultanzi tal-verifika għandhom jintbagħtu minnufih lill-Ministru malli dawn jintalbu u f'kull każ sa mhux aktar tard minn sebat (7) ijiem minn meta ssir dik it-talba.

(5) Il-Ministru għandu jiżviluppa programmi li jinkoraġġixxu impriżi żgħar u ta' daqs medju jagħmlu verifiki tal-enerġija, u l-implimentazzjoni sussegwenti tar-rakkomandazzjonijiet minn dawn il-verifiki. Il-Ministru għandu wkoll jiżviluppa programmi li jqajmu għarfien fost il-familji dwar il-benefiċċji ta' dawk il-verifiki permezz ta' servizzi ta' pariri adatti.

(6) Fuq il-bażi ta' kriterji trasparenti u mhux diskriminatorji

u mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-Unjoni dwar għajnuna statali, jistgħu jiġu stabbiliti skemi ta' appoġġ għall-SMEs inkluż jekk dawn ikunu għamlu pattijiet ta' ftehim volontarji, biex ikopru l-ispejjeż ta' verifika tal-enerġija u tal-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet tabilħaqq effettivi paragunati mal-kost mill-verifiki tal-enerġija, jekk il-miżuri proposti jiġu implimentati.

(7) Il-Ministru għandu jiżviluppa wkoll programmi biex iqajjem għarfien fost il-familji dwar il-benefiċċji tal-verifiki msemmija fis-subregolament (6) permezz ta' servizzi ta' pariri adatti. Il-Ministru għandu jinkoraġġixxi programmi ta' taħriġ għall-kwalifika ta' awdituri tal-enerġija biex dawn jiffaċilitaw disponibiltà biżżejjed mill-esperti.

(8) Il-Ministru għandu jiġbed l-attenzjoni ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju, inkluż permezz tal-organizzazzjonijiet intermedjarji rappreżentattivi rispettivi tagħhom, għal eżempji konkreti ta' kif sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija jistgħu jgħinu n-negozju tagħhom.

(9) Dawk l-impriżi li ma jkunux SMEs għandhom jikkummissjonaw verifika tal-enerġija mwettqa b'mod indipendenti u effettiva paragunata mal-kost minn esperti kwalifikati u, jew akkreditati jew implimentati u sorveljati minn awtoritajiet indipendenti taħt il-liġijiet nazzjonali sal-5 ta' Diċembru 2015 u mill-anqas kull erba' (4) snin mid-data tal-verifika tal-enerġija li tkun saret qabel.

(10) Il-verifiki tal-enerġija għandhom jitqiesu bħala li jissodisfaw il-ħtiġiet tas-subregolament (9) meta dawn isiru b'mod indipendenti, fuq il-bażi ta' kriterji minimi msejsa fuq il-prinċipji stabbiliti fis-Sitt Skeda, u implimentata taħt pattijiet ta' ftehim volontarji magħmula bejn organizzazzjonijiet ta' parteċipanti li jkollhom interess u korp maħtur u sorveljat mill-Ministru, jew korpi oħra li lilhom il-Ministru jkun iddelega r-responsabbiltà involuta. L-aċċess ta' parteċipanti fis-suq li joffru servizzi tal-enerġija għandu jkun ibbażat fuq kriterji trasparenti u mhux diskriminatorji.

(11) Intrapriżi, li ma jkunux SMEs, li jimplimentaw sistema ta' enerġija jew ta' maniġġjar ambjentali, iċċertifikata minn korp indipendenti skont *Standards* Ewropej jew Internazzjonali rilevanti, għandhom ikunu eżentati mill-ħtiġiet tas-subregolament (9):

Iżda s-sistema ta' maniġġjar involuta għandha tinkludi verifika tal-enerġija fuq il-bażi ta' kriterji minimi ibbażati fuq il-prinċipji stabbiliti fis-Sitt Skeda.

(12) Il-verifiki tal-enerġija jistgħu joqgħodu waħidhom jew ikunu jiffurmaw parti minn verifika ambjentali aktar wiesgħa. Stima tal-fattibilità teknika u ekonomika ta' konnessjoni ma' network ta' tisħin jew ta' tkessiħ distrettwali eżistenti jew ippjanat, għandha tifforma parti mill-verifika tal-enerġija.

(13) Mingħajr preġudizzju għal-liġijiet tal-Unjoni dwar l-għajnuna statali, jistgħu jiġu implimentati skemi ta' inċentiv u appoġġ għall-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet minn verifiki tal-enerġija u miżuri simili.

Kejl tal-konsum għall-gass u l-elettriku.

**11.** (1) Il-klijenti aħħarin provduti bl-elettriku u gass naturali, għandhom jiġu provduti mill-fornitur tagħhom b'arloġġi individwali bi prezz kompetittiv li jkunu jirriflettu b'mod preċiż il-konsum ta' enerġija attwali tal-klijent finali u jipprovdu informazzjoni dwar il-ħin ta' użu attwali:

Iżda din il-ħtieġa għandha tapplika sakemm din tkun teknikament possibbli, finanzjarjament raġonevoli u proporzjonata għar-rigward tal-iffrankar ta' enerġija potenzjali.

(2) Meta jinbidel arloġġ li jkun diġà mwaħħal, dak l-arloġġ individwali bi prezz kompetittiv għandu dejjem jiġi provdut, sakemm ma jkunx teknikament impossibbli jew mhux effettiv paragunat mal-kost f'dak li hu l-iffrankar potenzjali stmat fit-tul.

L.S. 623.01.

(3) Meta ssir konnessjoni mill-ġdid f'xi bini ġdid jew meta xi bini jgħaddi minn xi ristawr kbir, kif stabbilit fir-Regolamenti dwar ir-Rendiment tal-Enerġija fl-Użu tal-Bini, għandhom dejjem jiġu provduti dawk l-arloġġi individwali bi prezzijiet kompetittivi.

L.S. 545.13.
L.S. 545. 12.

(4) Meta, u daqstant kemm, jiġu implimentati sistemi intelliġenti ta' metraġġ u *smart meters* għall-gass u, jew l-elettriku jiġu provduti skont ir-Regolamenti dwar is-Suq tal-Elettriku u r-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass Naturali:

(a) is-sistemi ta' metraġġ għandhom jipprovdu lill-klijenti aħħarininformazzjoni dwar il-ħin attwali ta' użu. L-għanijiet tal-effiċjenza fl-enerġija u l-benefiċċji għall-klijenti aħħarin għandhom jitqiesu sew meta jkunu qegħdin jiġu stabbiliti l-inqas funzjonalitajiet tal-arloġġi u l-obbligi imposti fuq il-parteċipanti fis-suq;

(b) is-sigurtà ta' *smart meters* u l-komunikazzjoni ta' *data*, u l-privatezza tal-klijenti aħħarin, għandha tiġi żgurata konformement mal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* u l-privatezza rilevanti tal-Unjoni;

(ċ) fil-każ tal-elettriku u fuq talba tal-klijent finali, l-operaturi tal-arloġġi huma meħtieġa li jiżguraw li l-arloġġ jew l-arloġġi jkunu jistgħu jagħtu kont tal-elettriku li jidħol fil-grilja mill-fond tal-klijent finali;

(d) jekk din tintalab mill-klijenti aħħarin, id-*data* tal-metraġġ fuq kemm jitfgħu elettriku u jieħdu minnu għandhom ikunu disponibbli għalihom jew għal terzi li jaġixxu f'isem il-klijent finali f'format ħafif li jinftiehem u li jkunu jistgħu jużaw biex iqabblu t-transazzjonijiet fuq bażi

għalkollox simili;

(e) għandhom jingħataw parir adatt u informazzjoni lill-klijenti fiż-żmien meta jiġu installati *smart metres*, l-aktar dwar l-potenzjal sħiħ tagħhom fir-rigward tal-qari attwali tal-arloġġ u l-monitoraġġ tal-konsum ta' enerġija.

Kejl tal-konsum għat-tisħin, it-tkessiħ u l-ilma sħun domestiku.

**12.** (1) Klijenti aħħarin tat-tisħin distrettwali, it-tkessiħ distrettwali u l-ilma sħun domestiku għandhom jiġu pprovduti mill-fornituri tagħhom b'arloġġi bi prezz kompetittiv li jirriflettu b'mod preċiż il-konsum reali tagħhom ta' enerġija.

(2) Fejn it-tisħin, it-tkessiħ jew l-ilma sħun domestiku jiġu fornuti lil bini minn sors ċentrali li jaqdi għadd ta' bini jew minn sistema ta' tisħin distrettwali jew tkessiħ distrettwali, għandu jiġi installat arloġġ fejn isir l-iskambju tas-sħana jew fil-punt ta' kunsinna.

Kejl separat tal-konsum u allokazzjoni tal-ispiża għat-tisħin, it-tkessiħ u l-ilma sħun domestiku.

**13.** (1) F'binjiet b'aktar minn appartament wieħed u f'binjiet b'diversi użi b'sors ċentrali ta' tisħin jew tkessiħ jew fornuti minn sistema ta' tisħin distrettwali jew tkessiħ distrettwali, għandhom jiġu installati arloġġi individwali biex ikejlu l-konsum tat-tisħin, tat-tkessiħ jew tal-ilma sħun domestiku għal kull unità tal-bini, fejn dan ikun teknikament fattibbli u kosteffettiv, jiġifieri jkun proporzjonat fir-rigward tal-potenzjal fl-iffrankar tal-enerġija:

Iżda fejn il-fornitur juri għas-sodisfazzjon tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni illi l-użu ta' arloġġi individwali ma jkunx teknikament fattibbli jew fejn ma jkunx kosteffiċjenti li jitkejjel il-konsum tat-tisħin f'kull unità ta' bini, il-fornitur għandu juża allokaturi individwali tal-ispiża għat-tisħin biex jitkejjel il-konsum tat-tisħin f'kull radjatur sakemm l-istess fornitur ma jurix li l-installazzjoni ta' tali allokaturi tal-ispiża għat-tisħin ma tkunx kosteffiċjenti:

Iżda wkoll f'dawk il-każijiet, jistgħu jiġu kkunsidrati metodi kosteffiċjenti alternattivi ta' kejl tal-konsum tat-tisħin.

(2) Il-kriterji ġenerali, il-metodoloġiji u, jew il-proċeduri biex jiġu ddeterminati n-nuqqas ta' fattibbiltà teknika u n-nuqqas ta' kosteffettività għandhom jiġu stabbiliti b'mod ċar u ppubblikati mill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni.

(3) Minkejja s-subregolament (1), għandhom jiġu pprovduti arloġġi individwali għall-ilma sħun domestiku f'bini ġdid b'aktar minn appartament wieħed kif ukoll fil-partijiet residenzjali ta' bini ġdid b'diversi użi li huma mgħammra b'sors ċentrali ta' tisħin għall-ilma sħun domestiku jew li huma fornuti minn sistemi ta' tisħin distrettwali.

(4) Fejn fil-valutazzjoni tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni, binjiet b'aktar minn appartament wieħed jew b'diversi użi jiġu moqdija minn tisħin distrettwali jew tkessiħ distrettwali, jew binjiet li jkollhom sistemi komuni tagħhom ta' tisħin jew tkessiħ isiru

prevalenti, ir-Regolatur għandu jdaħħal fis-seħħ regoli nazzjonali trasparenti u pubblikament disponibbli dwar l-allokazzjoni tal-ispiża għat-tisħin, it-tkessiħ u l-konsum tal-ilma sħun domestiku f'tali bini biex tiġi żgurata t-trasparenza u l-preċiżjoni tal-kontabilità tal-konsum individwali:

Iżda meta l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni tiddetermina illi binjiet b'aktar minn appartament wieħed jew b'diversi użi jiġu moqdija minn tisħin distrettwali jew tkessiħ distrettwali, jew binjiet li jkollhom is-sistemi komuni tagħhom ta' tisħin jew tkessiħ ikunu saru prevalenti, ir-Regolatur għandu jiġi nfurmat uffiċċjalment b'tali deċiżjoni u l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni għandha tipprovdi lir-Regolatur l-informazzjoni kollha neċessarja flimkien mad-*data* li kienu rilevanti sabiex intlaħqet tali deċizjoni.

Rekwiżit ta' qari mill-bogħod.

**14.** (1) Għall-finijiet tar-regolamenti 12 u 13, l-arloġġi u l-allokaturi tal-ispiża għat-tisħin installati wara l-25 ta' Ottubru 2020 għandhom ikunu apparat li jinqrara mill-bogħod. Il-kundizzjonijiet ta' fattibilità teknika u kosteffettività stipulati fis-subregolamenti (1) u (2) tar-regolament 13 għandhom jibqgħu japplikaw.

(2) Fejn l-arloġġi u l-allokaturi tal-ispiża għat-tisħin li ma jinqrawx mill-bogħod huma diġà installati, il-fornitur għandu jagħmilhom jinqraw mill-bogħod jew jibdihom b'apparat li jinqara mill-bogħod sal-1 ta' Jannar 2027, iżda dan ma jkunx meħtieġ jekk il-fornitur juri li dan mhuwiex kosteffiċjenti.

Informazzjoni dwar il-kontijiet għall-gass u l-elettriku.
L.S. 545. 13.
L.S. 545. 12.

**15.** (1) Meta l-klijenti aħħarinma jkollhomx *smart meters* kif imsemmija fir-Regolamenti dwar is-Suq tal-Elettriku u r-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass Naturali, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014, l-informazzjoni fil-kontijiet għandha tkun eżatta u bbażata fuq il-konsum attwali, skont il-partita 1.1 tat-Taqsima I tas-Seba' Skeda, għall-elettriku u gass naturali, meta dan ikun teknikament fattibbli u ekonomikament ġustifikat.

L.S. 545. 13.
L.S. 545. 12.

(2) L-arloġġi li jiġu installati kif hemm fir-Regolamenti dwar is-Suq tal-Elettriku u fir-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass Naturali għandhom ikunu jippermettu informazzjoni eżatta fil-kontijiet ibbażata fuq il-konsum attwali. Il-klijenti aħħaringħandu jkollhom il-possibbiltà ta' aċċess faċli għal informazzjoni kumplimentari fuq il-konsum storiku tagħhom li tkun tippermetti li jsiru awto-kontrolli dettaljati. L-informazzjoni kumplementari fuq il-konsum storiku għandha tkun tinkludi:

(a) *data* kumulattiva għal mill-inqas it-tliet (3) snin ta' qabel jew il-perjodu minn meta jibda għaddej il-kuntratt ta' forniment, jekk dan ikun anqas. Dik id-*data* għandha tkun tikkorrispondi mal-intervalli li dwarhom kienet ta' spiss tiġi prodotta informazzjoni fuq il-kontijiet; u

(b) *data* kumplimentari dwar il-ħin għall-użu għal xi ġurnata, ġimgħa, xahar u sena. Dawn id-*data* għandhom jintgħamlu disponibbli għall-klijent finali permezz tal-internet jew tal-*interface* tal-arloġġ għall-perjodu ta' mill-anqas erbgħa u għoxrin (24) xahar ta' qabel jew għall-perjodu minn meta beda għaddej il-kuntratt ta' forniment jekk dan ikun anqas.

(3) Indipendentement minn jekk *smart meters* ikunux ġew installati jew le, il-fornituri ta' enerġija għandhom:

(a) sal-limitu li l-informazzjoni fil-kontijiet tal-enerġija tagħhom u l-konsum storiku tal-klijenti aħħarinjkunu disponibbli, fuq talba tal-klijent finali għandhom jagħmlu dik l-informazzjoni disponibbli għall-provditur ta' servizz ta' enerġija imsemmi mill-klijent finali;

(b) joffru lil klijenti aħħarinl-għażla ta' informazzjoni elettronika fil-kontijiet u l-kontijiet infushom. Il-klijenti għandhom jirċievu fuq talba tagħhom spjegazzjoni ċara u li tinftiehem dwar kif ikun inkiseb il-kont tagħhom, speċjalment meta l-kontijiet ma jkunux ibbażati fuq il-konsum attwali;

(ċ) jagħmlu disponibbli informazzjoni adatta flimkien mal-kont biex jipprovdu lill-klijenti aħħarin b'kont komprensiv tal-ispejjeż kurrenti tal-enerġija, skont it-Taqsima I tas-Seba' Skeda;

(d) fuq talba tal-klijent finali, ma jqisux l-informazzjoni li tkun tinsab f'dawn il-kontijiet bħala waħda li tikkostitwixxi talba għall-ħlas. Il-fornituri ta' sorsi tal-enerġija għandhom joffru arranġamenti flessibbli għal ħlasijiet attwali;

(e) jipprovdu lill-konsumaturi meta hekk jintalab minnhom, l-informazzjoni u l-estimi għall-ispejjeż tal-enerġija fil-ħin u f'format li jkun jista' jinftiehem sew u li jippermetti lill-konsumaturi jqabblu transazzjonijiet fuq bażi għalkollox simili.

Informazzjoni dwar il-kontijiet u l-konsum għat-tisħin, t-tkessiħ u għall-ilma sħun domestiku.

**16.** (1) Fejn l-arloġġi jew l-allokaturi tal-ispiża għat-tisħin ikunu installati, il-fornituri tal-enerġija għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-kontijiet u l-konsum tkun affidabbli, preċiża u bbażata fuq il-konsum attwali jew il-qari tal-allokaturi tal-ispiża għat-tisħin, f'konformità mal-partiti 1 u 2 it-Taqsima II tas-Seba' Skeda għall-utenti aħħarin kollha, jiġifieri, għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jixtru t-tisħin, it-tkessiħ jew l-ilma sħun domestiku għall-użu aħħari proprju tagħhom, jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jokkupaw bini individwali jew unità f'bini b'aktar minn appartament wieħed jew f'bini b'diversi użi li hu fornut b'tisħin, tkessiħ jew ilma sħun domestiku minn sors ċentrali li ma jkollhom ebda kuntratt dirett jew individwali mal-fornitur tal-enerġija:

Iżda ħlief fil-każ ta' konsum b'kejl separat tal-konsum ibbażat fuq allokaturi tal-ispiża għat-tisħin taħt ir-regolament 13, dan l-obbligu jista' jitwettaq minn sistema ta' qari proprju regolari mill-klijent aħħari jew mill-utent aħħari fejn huma jikkomunikaw il-qari mill-arloġġ tagħhom. Huwa biss fejn il-klijent aħħari jew l-utent aħħari ma jkunx ipprovda qari mill-arloġġ għal perjodu partikolari ta' kontijiet li l-kontijiet għandhom ikunu bbażati fuq konsum stmat jew rata fissa.

(2) Il-fornitur għandu:

(a) jiżgura li, jekk l-informazzjoni dwar il-kontijiet tal-enerġija u l-konsum storiku jew il-qari tal-allokatur tal-ispiża għat-tisħin tal-utenti aħħarin tkun disponibbli, din issir disponibbli fuq talba mill-utent aħħari, għal fornitur ta' servizz tal-enerġija magħżul mill-utent aħħari;

(b) jiżgura li l-klijenti aħħarin jiġu offruti l-għażla ta' informazzjoni elettronika dwar il-kontijiet u kontijiet elettroniċi;

(ċ) jiżgura li informazzjoni ċara u li tinftiehem tingħata mal-kont lill-utenti aħħarin kollha skont il-partita 3 tat-Taqsima II tas-Seba' Skeda;

(d) jippromwovi ċ-ċibersigurtà u jiżgura il-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* tal-utenti aħħarin f'konformità mal-liġi applikabbli tal-Unjoni.

(3) L-għoti ta' informazzjoni dwar il-kontijiet ma għandux jitqies li jikkostitwixxi talba għall-ħlas u f'dawn il-każijiet, il-fornituri għandhom joffru arranġamenti flessibbli għall-ħlas attwali.

Spiża tal-aċċess għal informazzjoni dwar kejl tal-konsum u kontijiet għall-elettriku u l-gass.

**17.** (1) Il-fornituri tal-enerġija għandhom jiżguraw li l-klijenti aħħarin jirċievu l-kontijiet kollha tagħhom u kull informazzjoni fil-kontijiet għall-konsum tal-enerġija, bla ħlas. Il-klijenti aħħarin għandu jkollhom ukoll aċċess għad-*data* ta' konsum tagħhom b'mod adatt u li jkun bla ħlas.

Spiża tal-aċċess għall-kejl tal-konsum u informazzjoni dwar il-kontijiet u dwar il-konsum għat-tisħin, it-tkessiħ u l-ilma sħun domestiku.

**18.** (1) L-utenti aħħarin għandhom jirċievu mingħand il-fornituri tagħhom il-kontijiet kollha tagħhom u l-informazzjoni kollha dwar il-kontijiet għall-konsum tal-enerġija mingħajr ħlas u għandu jkollhom aċċess għad-*data* dwar il-konsum tagħhom b'mod adegwat u mingħajr ħlas.

(2) Minkejja s-subregolament (1), id-distribuzzjoni tal-ispejjeż tal-informazzjoni dwar il-kontijiet għall-konsum individwali tat-tisħin, it-tkessiħ u l-ilma sħun domestiku f'bini b'aktar minn appartament wieħed u dawk b'diversi użi skont ir-regolament 13 għandha ssir mingħajr qligħ. L-ispejjeż li jirriżultaw mill-assenjament ta' dak il-kompitu lil parti terza, bħal fornitur ta' servizz jew il-fornitur

lokali tal-enerġija, fejn dawn jkopru l-kejl, l-allokazzjoni u l-kontabilità għall-konsum individwali reali f'tali bini, jistgħu jiġu mgħoddija lill-utenti aħħarin, sakemm tali spejjeż ikunu raġonevoli

(3) Sabiex jiġu żgurati spejjeż raġonevoli għas-servizzi ta' kejl separat tal-konsum kif imsemmija fis-subregolament (2), il-Ministru jista' jistimula il-kompetizzjoni f'dak is-settur ta' servizzi billi jieħu miżuri xierqa, li jistgħu jinkludu li jirrakkomanda jew li b'xi mod ieħor jippromwovi l-użu ta' kwalunkwe waħda minn dawn:

(a) sejħiet għal offerti;

(b) l-użu ta' apparat interoperabbli;

(ċ) sistemi li jiffaċilitaw il-bdil bejn fornituri ta' servizzi.

Il-Ministru jista' jippromwovi l-użu effiċjenti tal-enerġija.

**19.** (1) Il-Ministru għandu jieħu miżuri adatti biex jippromwovi u jiffaċilita l-użu effiċjenti tal-enerġija minn klijenti żgħar tal-enerġija, inklużi l-klijenti domestiċi. Dawn il-miżuri jistgħu jkunu parti minn strateġija nazzjonali.

(2) Għall-finijiet tas-subregolament (1), dawn il-miżuri għandhom jinkludu xi wieħed jew aktar mill-elementi elenkati hawn aktar 'l isfel:

(a) firxa ta' strumenti u politika li jippromwovu mġiba li tista' tinkludi:

(i) inċentivi fiskali;

(ii) aċċess għal finanzi, għotjiet jew sussidji;

(iii) provdiment ta' informazzjoni;

(iv) proġetti eżemplari;

(v) attivitajiet fuq il-post tax-xogħol;

(b) modi u mezzi biex jiġu ingaġġati konsumaturi u organizzazzjonijiet ta' konsumaturi waqt li jkunu qegħdin jinħarġu *smart meters* permezz tal-komunikazzjoni:

(i) tibdil effettiv paragunat mal-kost u faċli li jintlaħaq fl-użu ta' enerġija;

(ii) informazzjoni dwar miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija.

Penali amministrattiva.

**20.** Ir-Regolatur jista' jimponi penali amministrattiva ta' mhux iżjed minn għaxart elef euro (€10,000) għal kull kontravvenzjoni u, jew sitt mitt euro (€600) għal kull ġurnata fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, mid-data tad-deċiżjoni tar-Regolatur dwar

persuna li tikser xi dispożizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti jew li tonqos milli tħares xi direttiva jew deċiżjoni mogħtija millr-Regolatur biex tiġi żgurata konformità ma’ dawn ir-regolamenti.

Stima komprensiva ta’ koġenerazzjoni b’effiċjenza għolja, eċċ.

**21.** (1) Sal-31 ta’ Diċembru 2015, il-Ministru għandu jwettaq stima komprensiva tal-potenzjal biex japplika koġenerazzjoni b’effiċjenza għolja u ta’ tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti, li jkun fihom l-informazzjoni stabbilita fit-Tmien Skeda. Il-Ministru għandu javża b’dik l-istima komprensiva lill-Kummissjoni sal-31 Diċembru 2015. Jekk tkun diġà saret stima ekwivalenti, il-Ministru għandu javża lill-Kummissjoni bi stima ekwivalenti.

(2) L-istima komprensiva għandha tagħti konsiderazzjoni sħiħa tal-analiżi ta’ kull potenzjal nazzjonali għal koġenerazzjoni b’effiċjenza għolja mwettqa taħt id-Direttiva 2004/8/KE. L-istima għandha tkun aġġornata u avżata lill-Kummissjoni kull ħames (5) snin, wara li ssir talba għaldaqstant mill-Kummissjoni mill-inqas sena qabel id-data stabbilita.

(3) Il-Ministru għandu jadotta kull tali politika li tkun tinkoraġġixxi li l-potenzjal li jintużaw sistemi għat-tisħin u għat-tkessiħ effiċjenti, partikolarment dawk li jużaw koġenerazzjoni b’effiċjenza għolja, jitqies debitament f’livelli reġjonali u lokali. Għandu jittieħed f’konsiderazzjoni l-potenzjal għall-iżvilupp tas-swieq tas-sħana reġjonali u lokali.

(4) Għall-iskop tal-istima msemmija fis-subregolament (1), il-Ministru għandu jagħmel analiżi tal-benefiċċji tal-kost skont it-Tmien Skeda. L-analiżi tal-benefiċċju tal-kost għandha tkun tista’ tiffaċilita l-identifikazzjoni tas-soluzzjoniiet li l-aktar jolqtu r-riżorsi u li huma effiċjenti fil-kost biex ikunu jikkonformaw mal-ħtiġiet ta’ tisħin u tkessiħ. L-analiżi tal-benefiċċju tal-kost tista’ tkun parti minn stima ambjentali taħt ir-Regolamenti dwar Stima Ambjentali Strateġika.

L.S. 549.61

(5) Meta l-istimi msemmija fis-subregolament (1) u l-analiżi msemmija fis-subregolament (4) jkunu jidentifikaw potenzjal għall-applikazzjoni ta’ koġenerazzjoni b’effiċjenza għolja u, jew ta’ tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti li jkollhom benefiċċji li jeċċedu l-kost, il-Ministru għandu jieħu miżuri adegwati sabiex tiġi żviluppata infrastruttura għal tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti u, jew biex jiġi akkommodat l-iżvilupp ta’ koġenerazzjoni b’effiċjenza għolja u l-użu ta’ tisħin u tkessiħ minn sħana mormija u sorsi ta’ enerġija li jiġġeddu kif hemm fis-subregolamenti (1), (6) u (10). Meta l-istima msemmija fis-subregolament (1) u l-analiżi msemmija fis-subregolament (4) ma jidentifikawx potenzjal li l-benefiċċji tiegħu jeċċedu l-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż amministrattivi tal-għemil tal-analiżi tal-benefiċċju tal-kost imsemmi fis-subregolament (6), l-installazzjonijiet għandhom jiġu eżentati mill-ħtiġiet stabbiliti f’dawk is-subregolamenti.

(6) Analiżi tal-benefiċċju tal-kost kif hemm imsemmi fid-

Disa' Skeda għandhom isiru mill-promotur tal-proġett meta, wara l-5 ta' Ġunju 2014:

(a) tiġi ppjanata installazzjoni ta' ġenerazzjoni tal-elettriku termali ġdida li jkollha dħul termali totali ta' 20 MW, biex tiġi stmata l-ispiża u l-benefiċċji li jipprovdu għall-operazzjoni tal-istallazzjoni bħala installazzjoni ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja;

(b) installazzjoni ta' ġenerazzjoni tal-elettriku termali ġdida li jkollha dħul termali totali ta' 20 MW tiġi sostanzjalment ristawrata, biex jiġu stmati l-kost u l-benefiċċji biex tikkonvertiha għal koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja;

(ċ) installazzjoni industrijali bi dħul termali totali li jeċċedi 20 MW li tiġġenera sħana mormija f'livell ta' temperatura utli tiġi ppjanata jew sostanzjalment ristawrata, biex jiġu stmati l-kost u l-benefiċċji li tiġi utilizzata s-sħana mormija biex tiġi sodisfatta d-domanda li tkun ekonomikament ġustifikata, inkluż permezz tal-koġenerazzjoni, u tal-konnessjoni ta' din l-installazzjoni ma' network ta' tisħin u tkessiħ distrettwali;

(d) jiġi ppjanat network distrettwali ġdid għat-tisħin u tkessiħ jew fi ħdan network distrettwali eżistenti għat-tisħin u tkessiħ tiġi ppjanata installazzjoni ġdida ta' produzzjoni tal-enerġija bi dħul termali totali li jeċċedi 20 MW jew tkun ser tiġi ristawrata installazzjoni eżistenti bħal dik, biex tiġi stmata l-ispiża u l-benefiċċji għall-użu ta' sħana mormija minn installazzjonijiet industrijali li jkunu jinsabu fil-qrib.

(7) It-twaħħil ta' apparat li jaqbad id-dijossidu tal-karbonju prodott minn stallazzjoni tal-kombustjoni bil-ħsieb li dan jiġi maħżun kif provdut fir-Regolamenti dwar il-Ħżin Ġeoloġiku tad-Dijossidu tal-Karbonju, m'għandux jitqies bħala ristawr għall-fini tas-subregolament (6)(b), (ċ) u (d). L-analiżi tal-benefiċċju tal-kost imsemmi fis-subregolament (6)(ċ) u (d) għandhom isiru b'koperazzjoni mal-kumpanniji responsabbli għat-tħaddim tan-networks tat-tisħin u tkessiħ distrettwali. L.S. 549. 68.

(8) L-installazzjonijiet li ġejjin huma eżentati mis-subregolament (6):

(a) dawk l-installazzjonijiet li jiġġeneraw l-elettriku fl-ogħla tagħbija tiegħu u bħala riżerva u li huma ppjanati biex joperaw taħt elf u ħames mitt (1,500) siegħa operattiva kull sena bħala medja dejjem għaddejja matul perjodu ta' ħames (5) snin, bażata fuq proċedura ta' verifika stabbilita mir-Regolatur li tiżgura li dan il-kriterju ta' eżenzjoni jintlaħaq;

(b) installazzjonijiet ta' qawwa nukleari;

L.S. 549. 68. (ċ) installazzjonijiet li jeħtieġu jiġu lokalizzati qrib sit ta' ħżin ġeoloġiku approvat taħt ir-Regolamenti dwar il-Ħżin Ġeoloġiku tad-Dijossidu tal-Karbonju.

(9) Il-Ministru jista' jistabbilixxi ukoll limiti, espressi skont l-ammont ta' sħana mormija utli disponibbli, id-domanda għas-sħana jew id-distanzi bejn installazzjonijiet industrijali u networks ta' tisħin distrettwali, biex jiġu eżentati installazzjonijiet individwali mis-subregolament (6)(ċ) u (d).

Il-Ministru għandu javża lill-Kummissjoni bl-eżenzjonijiet adottati taħt dan is-subregolament sal-31 ta' Diċembru 2013. Kull bidla sussegwenti li ssir f'dawn l-eżenzjonijiet wara dik id-data għandha tiġi wkoll avżata mill-Ministru lill-Kummissjoni.

(10) Il-kriterji ta' awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2009/72/KE, jew kriterji ta' permess ekwivalenti, għandhom:

(a) jieħdu f'konsiderazzjoni l-eżitu tal-istimi komprensivi msemmija fis-subregolament (1);

(b) jiżguraw li jitwettqu l-ħtiġiet tas-subregolament (6); u

(ċ) jieħdu f'konsiderazzjoni l-eżitu tal-analiżi ta' benefiċċju tal-kost imsemmija fis-subregolament (6).

(11) Ir-Regolatur jista' jeżenta installazzjonijiet individwali milli jkunu meħtieġa, bil-kriterji ta' awtorizzazzjoni u permessi msemmija fis-subregolament (10), li jimplimentaw l-għażliet li jkollhom benefiċċji li jeċċedu l-ispejjeż tagħhom, jekk ikun hemm raġunijiet imperattivi tal-liġi, proprjetà jew finanzi biex isir dan. F'dawn il-każijiet il-Ministru għandu jippreżenta avviż motivat bid-deċiżjoni tiegħu lill-Kummissjoni fi żmien tliet (3) xhur mid-data meta l-Ministru jkun ħa dik id-deċiżjoni.

(12) Is-subregolamenti (6), (8), (10) u (11) għandhom japplikaw għal installazzjonijiet li jaqgħu taħt ir-Regolamenti dwar Impjanti Kbar tal-Kombustjoni fir-rigward ta' Emissjonijiet Industrijali, mingħajr preġudizzju għall-ħtiġiet ta' dawk ir-regolamenti. L.S. 549. 78.

(13) Fuq il-bażi tal-valuri ta' referenza ta' effiċjenza armonizzati msemmija fil-paragrafu (f) tat-Tieni Skeda, ir-Regolatur għandu jiżgura li l-oriġini tal-elettriku prodott minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja tkun tista' tiġi garantita skont kriterji oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji stabbiliti mill-Ministru. Ir-Regolatur għandu jiżgura li din il-garanzija tal-oriġini tkun konformi mal-ħtiġiet u jkun mill-inqas fiha l-informazzjoni speċifikata fl-Għaxar Skeda.

Ir-Regolatur għandu reċiprokament jirrikonoxxi l-garanziji tal-oriġini minn Stati Membri oħra, esklużivament bħala prova tal-informazzjoni msemmija f'dan is-subregolament. Kull ċħid milli tkun rikonoxxuta garanzija ta' oriġini bħal tali prova, partikolarment għal raġunijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-prevenzjoni ta' frodi, għandhom jiġu bbażati fuq kriterji oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji. Il-Ministru għandu javża lill-Kummissjoni b'dak iċ-ċħid u bil-ġustifikazzjoni relattiva.

(14) Kull appoġġ disponibbli għall-koġenerazzjoni għandu jkun soġġett għall-elettriku li jiġi prodott u li joriġina minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja u għas-sħana mormija li tkun qiegħda tiġi effettivament użata biex jinkiseb l-iffrankar ta' enerġija primarja. L-appoġġ pubbliku għall-koġenerazzjoni u għall-ġenerazzjoni u networks ta' tisħin distrettwali għandhom ikunu soġġetti għar-regoli dwar għajnuna statali, meta dan ikun japplika.

Dmirijiet tar-Regolatur.
L.S. 545. 13.
L.S. 545. 12.

**22.** (1) Ir-Regolatur għandu jagħti kas sew għall-effiċjenza fl-enerġija meta jkun qiegħed iwettaq il-ħidma regolatorja tiegħu speċifikata fir-Regolamenti dwar is-Suq tal-Elettriku, u r-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass Naturali, rigward id-deċiżjonijiet tiegħu dwar l-operazzjoni tal-infrastruttura tal-gass u tal-elettriku. Ir-Regolatur għandu b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp ta' tariffi u regolamenti dwar in-*networks*, fil-kuntest tal-qafas tar-Regolamenti dwar is-Suq tal-Elettriku, u filwaqt li jitqiesu l-ispejjeż u l-benefiċċji ta' kull miżura, jipprovdi inċentivi għall-operaturi tal-grilja biex jagħmel servizzi tas-sistema disponibbli lill-utenti tan-*network* filwaqt li jippermettulhom jimplimentaw miżuri ta' titjib fl-effiċjenza tal-enerġija fil-kuntest tal-użu kontinwu ta' *smart grids*. Dawn is-servizzi ta' sistemi jistgħu jiġu stabbiliti mill-operatur tas-sistema u m'għandhom jagħmlu ebda impatt ħażin fuq is-sigurtà tas-sistema. Dwar l-elettriku, ir-regolament tan-*network*, u t-tariffi tan-*network* dawn għandhom jissodisfaw il-kriterji li hemm fil-Ħdax-il Skeda, waqt li jitqiesu l-linji gwida u l-kodiċijiet żviluppati b'konformità mar-Regolament 714/2009.

(2) Sat-30 ta' Ġunju 2015, l-operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni għandhom jiżguraw li:

(a) issir stima ta' kull potenzjal ta' effiċjenza fl-enerġija tal-infrastruttura tal-gass u l-elettriku tagħhom, l-aktar għal dik li hija t-trasmissjoni, distribuzzjoni, maniġġjar tat-tagħbija u interoperabilità, u konnessjoni ma' installazzjoniijet li jiġġeneraw l-enerġija, inkluża kull possibbiltà ta' aċċess għal ġeneraturi mikro tal-enerġija;

(b) jiġu identifikati miżuri konkreti u investimenti għall-introduzzjoni ta' titjib fl-effiċjenza ta' enerġija li tkun effettiva paragunata mal-kost fl-infrastruttura tan-network, flimkien ma' tempistika għall-introduzzjoni tagħhom.

(3) Ir-Regolatur jista' jippermetti li jkun hemm komponenti ta' skemi u strutturi ta' tariffi li jkollhom għan soċjali għat-trasmissjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija li jkollha x'taqsam ma' network:

Iżda kull effett li jħarbat fis-sistema ta' trasmissjoni u distribuzzjoni għandu jinżamm kemm jista' jkun baxx u ma jkunx sproporzjonat mal-għan soċjali.

(4) L-operatur ta' sistema ta' distribuzzjoni, bla ħsara għall-approvazzjoni tar-Regolatur, għandu jneħħi dawk l-inċentivi fit-tariffi ta' trasmissjoni u distribuzzjoni li huma ta' detriment għall-effiċjenza globali (inkluża l-effiċjenza fl-enerġija) tal-ġenerazzjoni, trasmissjoni, distribuzzjoni u provvista tal-elettriku jew dawk li jistgħu jfixklu l-parteċipazzjoni ta' rispons għad-domanda, li jibbilanċjaw is-swieq u l-akkwist ta' servizzi anċillari. L-operaturi tan-network għandu jkollhom inċentiva biex itejjbu l-effiċjenza tad-disinn u l-operazzjoni tal-infrastruttura, u, fil-kuntest tar-Regolamenti dwar is-Suq tal-
L.S. 545. 13. Elettriku, li t-tariffi jkunu jippermettu lill-fornituri jitejjbu l-parteċipazzjoni tal-konsumaturi fis-sistema ta' effiċjenza, inkluż ir-rispons għad-domanda hekk kif dan ikun jiddependi miċ-ċirkostanzi nazzjonali.

(5) L-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni u l-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni għandhom jikkonformaw ma dak meħtieġ fit-Tnax-il Skeda. L-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni u l-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni għandhom jiffaċilitaw il-konnessjoni mas-sistema ta' grilja tal-elettriku prodott minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja minn unitajiet fuq skala żgħira u ta' mikrokoġenerazzjoni. Ir-Regolatur għandu, meta jkun hekk adatt, jieħu l-passi meħtieġa biex jinkoraġġixxi lill-operaturi tan-network jadottaw proċess ta' avviż sempliċi ta' "Installa u informa" għall-installazzjoni ta' unitajiet ta' mikro koġenerazzjoni biex jiġu simplifikati u mqassra l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għal ċittadin iindividwali u installaturi.

(6) Bla ħsara għall-ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu maż-żamma tal-affidabilità u s-sigurtà tal-grilja, meta dan ikun teknikament u ekonomikament fattibbli bil-mod ta' operazzjoni tal-istallazzjoni ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, l-operaturi ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja għandhom joffru servizzi bilanċjati u servizzi oħra b'għażla fil-livell ta' operatur ta' sistema ta' trasmissjoni jew ta' operatur ta' sistema ta' distribuzzjoni. L-operatur ta' sistema ta' trasmissjoni u l-operatur ta' sistema ta' distribuzzjoni għandhom jiżguraw li dawn is-servizzi jiffurmaw parti mill-proċess ta' offerti għal servizzi li jkun trasparenti, mhux diskriminatorju u miftuħ għall-iskrutinju.

Meta jkun hekk adatt, l-operatur ta' sistema ta' trasmissjoni u l-operatur ta' sistema ta' distribuzzjoni għandhom jinkoraġġixxu li l-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja titqiegħed qrib żoni fejn ikun

hemm domanda billi jsir tnaqqis fil-ħlas dovut għall-konnessjoni u għall-użu tas-sistema.

(7) Il-produtturi tal-elettriku minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja li jkunu jridu jiġu mqabbda mal-grilja jistgħu joħorġu sejħa għall-offerti għax-xogħol ta' konnessjoni.

(8) Ir-Regolatur għandu jinkoraġġixxi t-talba fid-domanda ta' riżorsi, bħal rispons għad-domanda, biex jipparteċipa flimkien mal-provvista fis-swieq bl-ingrossa u bl-imnut. Bla ħsara għal limitazzjonijiet tekniċi inerenti fil-maniġġjar ta' networks, l-operatur ta' sistema ta' trasmissjoni u l-operatur ta' sistema ta' distribuzzjoni, biex ikunu jistgħu jintlaħqu l-ħtiġiet għall-ibbilanċjar u għal servizzi anċillari, għandu jittratta lill-provdituri tar-rispons għad-domanda, inklużi l-aggregaturi, b'mod mhux diskriminatorju, fuq il-bażi tal-kapaċitajiet tekniċi tagħhom.

(9) Bla ħsara għal limitazzjonijiet tekniċi li jkunu jinsabu f'networks tal-immaniġġjar, l-operatur ta' sistema ta' trasmissjoni u l-operatur ta' sistema ta' distribuzzjoni għandhom jippromwovu l-aċċess tar-rispons għad-domanda u l-parteċipazzjoni fil-bilanċ, fir-riserva u fi swieq oħra ta' servizzi tas-sistema, u l-operatur tat-trasmissjoni u tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu b'koperazzjoni mill-qrib mal-fornituri ta' servizz ta' domanda u mal-konsumaturi, jiddefinixxu l-modijiet tekniċi biex ikun hemm parteċipazzjoni f'dawk is-swieq fuq il-bażi tal-ħtiġiet tekniċi ta' dawk is-swieq u l-kapaċitajiet tar-rispons ta' domanda. Dawk l-ispeċifikazzjonijiet għandhom jinkludu l-parteċipazzjoni ta' aggregaturi.

(10) Meta jkun qed isir rapport taħt id-Direttiva 2010/75/UE, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9(2) ta' dik id-Direttiva, l-awtorità responsabbli biex tirrapporta taħt id-Direttiva 2010/75/UE għandha tikkunsidra li tinkludi informazzjoni fuq livelli ta' effiċjenza fl-enerġija ta' installazzjonijiet li jkunu qegħdin jaħdmu fil-kombustjoni ta' karburanti bi dħul termali totali stmat ta' 50 MW jew aktar fil-kuntest tal-aħjar tekniċi rilevanti disponsibbli żviluppati skont id-Direttiva 2010/75/UE u d-Direttiva 2008/1/KE.

L-awtorità responsabbli biex tirrapporta taħt id-Direttiva 2010/ 75/UE tista' tinkoraġġixxi lil operaturi ta' installazzjonijiet imsemmija f'dan is-subregolament li jkunu jaħdmu fil-kombustjoni ta' karburanti bi dħul termali totali stmat ta' 50 MW jew aktar biex itejbu l-medja ta' rati operattivi netti tagħhom ta' kull sena.

Skemi ta' kwalifika li jintgħamlu disponibbli.

**23.** (1) Skemi ta' ċertifikazzjoni u, jew ta' akkreditament jew skemi ta' kwalifika ekwivalenti, inklużi, fejn ikun meħtieġ, programmi ta' taħriġ adatti, għandhom ikunu disponibbli mill-1 ta' Jannar 2015 għall-fornituri ta' servizzi tal-enerġija, verifiki dwar l-enerġija, amministraturi tal-enerġija u min jinstalla elementi ta' bini relatati mal-enerġija meta l-livell nazzjonali ta' kompetenza teknika, oġġettività u affidabilità ma jkunux biżżejjed.

(2) Il-Ministru għandu jiżgura li l-iskemi msemmija fis-subregolament (1) ikunu jipprovdu trasparenza għall-konsumaturi, ikunu affidabbli u jikkontribwixxu għall-għanijiet ta' effiċjenza fl-enerġija nazzjonali.

(3) Il-Ministru għandu jara li jkun hemm pubblikament disponibbli l-iskemi ta' ċertifikazzjoni u, jew ta' akkreditament jew skemi ta' kwalifika ekwivalenti msemmija fis-subregolament (1). Il-Ministru għandu jieħu miżuri adatti biex il-konsumaturi jsiru jafu bid-disponibbiltà ta' skemi ta' kwalifika u, jew ċertifikazzjoni, skont is-subregolament (1) tar-regolament 25.

Informazzjoni li għandha tiġi provduta mill-awtoritajiet rilevanti.

**24.** (1) L-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni, il-Ministru, ir-Regolatur u l-partijiet fdati għandhom jipprovdu informazzjoni fuq mekkaniżmi ta' effiċjenza fl-enerġija disponibbli u ta' kull qafas finanzjarju u legali hekk li dik l-informazzjoni tkun waħda trasparenti u mxerrda sew mal-atturi rilevanti kollha tas-suq, bħal konsumaturi, bennejja, periti, inġiniera, awdituri ambjentali u tal-enerġija u min jinstalla elementi ta' bini u għandhom jipprovdu informazzjoni lill-banek u lil istituzzjonijiet finanzjarji oħra fuq il-possibbiltajiet li jipparteċipaw, inkluż permezz tal-ħolqien ta' sħubija pubblika u, jew privata, fil-finanzjament ta' miżuri ta' titjib fl-effiċjenza tal-enerġija.

(2) Il-Ministru għandu jistabbilixxi kundizzjonijiet adatti għall-operaturi tas-suq biex dawn jipprovdu informazzjoni adegwata u mmirata sew flimkien ma' pariri lill-konsumaturi tal-enerġija fuq l-effiċjenza fl-enerġija.

(3) Il-Ministru, bil-parteċipazzjoni tal-parteċipanti kollha, inklużi l-awtoritajiet lokali u reġjonali, għandhom jippromwovu informazzjoni adatta, inizjattivi li jnisslu konsapevolezza u ta' taħriġ biex jinformaw liċ-ċittadini bil-benefiċċji u kemm ikun prattiku li wieħed jieħu miżuri ta' titjib dwar l-effiċjenza fl-enerġija.

Suq ta' servizzi tal-enerġija u aċċess għalih minn SMEs.

**25.** (1) Il-Ministru għandu jippromwovi s-suq ta' servizzi tal-enerġija u l-aċċess għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju għal dan is-suq billi:

(a) ixerred informazzjoni ċara u li tkun faċilment aċċessibbli fuq:

(i) kuntratti ta' servizz tal-enerġija disponibbli u l-klawsoli li għandhom jiġu inklużi f'dawk il-kuntratti biex jiggarantixxu l-iffrankar tal-enerġija u d-drittijiet tal-klijenti aħħarin;

(ii) strumenti finanzjarji, inċentivi, għotjiet u self bħala appoġġ għal proġetti ta' servizz fl-effiċjenza tal-enerġija;

(b) jinkoraġġixxi l-iżvilupp tat-tikketti ta' kwalità,

fost l-oħrajn minn assoċjazzjonijiet kummerċjali;

(ċ) jagħmel pubblikament disponibbli u regolarment jaġġorna l-lista disponibbli ta' fornituri ta' servizz tal-enerġija li jkunu kwalifikati u, jew ċertifikati u l-kwalifiki u, jew ċertifikazzjonijiet tagħhom skont ir-regolament 23, jew jipprovdi *interface* fejn fornituri ta' servizz ta' enerġija jkunu jistgħu jipprovdu informazzjoni;

(d) jappoġġa lis-settur pubbliku f'illi jagħżel offerti ta' servizz tal-enerġija, l-aktar għar-ristawr ta' bini, billi:

(i) jipprovdi kuntratti mudell għall-ikkuntrattar ta' rendiment ta' enerġija li jkunu mill-inqas jinkludu l-oġġetti elenkati fit-Tlettax-il Skeda;

(ii) jipprovdi informazzjoni dwar l-aħjar prattiċi għall-ikkuntrattar ta' rendiment ta' enerġija, inklużi, jekk ikunu disponibbli, il-kost u l-analiżi tal-benefiċċju billi jintuża approċċ ta' ċiklu vitali.

(2) Il-Ministru għandu jappoġġa l-funzjonament kif imiss tas-suq ta' servizzi tal-enerġija, fejn ikun adatt, billi:

(a) jidentifika u jippubbliċizza l-punt ta' kuntatt fejn il-klijenti aħħarin jistgħu jiksbu l-informazzjoni msemmija fis-subregolament (1);

(b) jieħu, jekk ikun meħtieġ, miżuri biex ineħħi l-ostakli regolatorji u mhux regolatorji li jimpedixxu l-assorbiment ta' kuntratti ta' rendiment tal-enerġija u ta' mudelli oħra ta' servizz ta' effiċjenza fl-enerġija sabiex jiġu identifikati u, jew implimentati miżuri ta' ffrankar tal-enerġija;

(ċ) iqis li jadotta jew jassenja r-rwol ta' mekkaniżmu indipendenti, bħal dak ta' ombudsman, biex jiżgura l-immaniġġjar effiċjenti tal-ilmenti u r-riżolviment barra mill-qorti ta' tilwim li jinqala' minn kuntratti ta' servizz tal-enerġija;

(d) jippermetti lil intermedjarji indipendenti tas-suq li jkollhom rwol fl-istimulazzjoni tal-iżvilupp tas-suq f'dik li hi t-talba għad-domanda u l-provvista.

(3) Id-distributuri tal-enerġija, l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni u l-kumpanniji għall-bejgħ bl-imnut tal-enerġija ma għandhom jagħmlu ebda attività li tista' timpedixxi d-domanda għal, u l-kunsinna ta' servizzi tal-enerġija jew ta' miżuri oħra għat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija, jew ifixklu l-iżvilupp ta' swieq għal servizzi tal-enerġija jew għal miżuri oħra għat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija, inkluża l-esklużjoni tas-suq għall-kompetituri jew għal pożizzjonijiet dominanti li jkunu qegħdin jabbużaw minnha.

Tneħħija ta' kull ostaklu għall-effiċjenza fl-enerġija.

**26.** (1) Mingħajr preġudizzju għall-prinċipji bażiċi tal-liġijiet dwar il-proprjetà u l-kera, il-Ministru għandu jevalwa u jekk ikun meħtieġ jieħu miżuri adatti biex ineħħi kull ostaklu regolatorju u mhux regolatorju għall-effiċjenza fl-enerġija, l-aktar dwar:

(a) il-qsim tal-inċentivi bejn is-sid u l-kerrej ta' bini jew fost is-sidien, bil-ħsieb li jiġi żgurat li dawn il-partijiet ma jiġux skoraġġuti milli jagħmlu investimenti biex itejjbu l-effiċjenza li kienu kieku jagħmlu permezz tal-fatt li huma mhux ser jiksbu individwalment il-benefiċċji kollha jew bin-nuqqas ta' regoli għall-qsim ta' spejjeż u benefiċċji bejniethom, inklużi r-regoli u l-miżuri nazzjonali li jirregolaw il-proċessi deċiżjonali fuq proprjetà li jkollha ħafna sidien;

(b) dispożizzjonijiet legali u regolatorji, u prattiċi amministrattivi, dwar ix-xiri pubbliku u l-estimi u l-kontijiet ta' kull sena, bil-għan li jiġi żgurat li korpi pubbliċi individwali ma jiġux skoraġġuti milli jagħmlu investimenti biex itejjbu l-effiċjenza fl-enerġija u jnaqqsu l-ispejjeż mistennija taċ-ċiklu vitali u milli jużaw l-ikkuntrattar ta' rendiment tal-enerġija u ta' mekkaniżmi oħra ta' finanzjar minn terzi fuq bażi kuntrattwali fit-tul.

Dawk il-miżuri biex jitneħħew l-ostakoli jistgħu jinkludu l-provvista ta' inċentivi, ir-revoka jew emenda ta' dispożizzjonijiet legali jew regolatorji, jew l-adozzjoni ta' linji gwida u komunikazzjonijiet interpretattivi, jew is-simplifikazzjoni ta' proċeduri amministrattivi. Dawn il-miżuri jistgħu jiġu kombinati mal-provvediment ta' edukazzjoni, taħriġ u informazzjoni speċifika u assistenza teknika fuq l-effiċjenza fl-enerġija.

(2) L-istima ta' ostakoli u miżuri msemmija fis-subregolament (1) għandhom jiġu avżati lill-Kummissjoni fl-ewwel Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Effiċjenza fl-Enerġija.

Il-Ministru għandu jiffaċilita t-twaqqif ta' fondi ta' finanzjament.

**27.** (1) Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, il-Ministru għandu jiffaċilita t-twaqqif ta' faċilitajiet ta' finanzjament, jew l-użu ta' dawk li diġà jeżistu, għal miżuri ta' titjib fl-effiċjenza tal-enerġija biex ikabbar kemm jista' l-benefiċċji ta' sorsi ta' finanzjament multipli.

(2) Il-Ministru jista' jwaqqaf Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza fl-Enerġija. L-għan ta' dan il-fond ikun dak li jappoġġa inizjattivi nazzjonali ta' effiċjenza fl-enerġija.

(3) L-obbligi stabbiliti fis-subregolament (1) tar-regolament 5 jistgħu jiġu sodisfatti permezz ta' kontribuzzjonijiet ta' kull sena fil-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza fl-Enerġija f'ammont ugwali lill-investimenti meħtieġa biex jintlaħqu dawn l-obbligi.

(4) Il-partijiet obbligati jistgħu jwettqu l-obbligi tagħhom

stabbiliti fis-subregolament (1) tar-regolament 7 billi jikkontribwixxi ta' kull sena fil-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza fl-Enerġija f'ammont ugwali għall-investimenti meħtieġa biex jintlaħqu l-obbligi tagħhom.

(5) Kull dħul mill-allokazzjonijiet ta' emissjoni ta' kull sena taħt id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE jista' jintuża għall-iżvilupp ta' mekkaniżmi ta' finanzjament innovattivi biex dawn jagħtu effett prattiku għall-għan tar-regolament 4 li jtejbu r-rendiment tal-enerġija fil-bini.

(6) Għall-iskop tal-mobilizzazzjoni tal-finanzjament privat ta' miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija u rinnovazzjoni tal-enerġija il-Ministru għandu:

(a) jqis modi kif jagħmel użu aħjar mill-verifiki tal-enerġija taħt ir-regolament 10 biex jinfluwenzaw it-teħid ta' deċiżjonijiet;

(b) jagħmel użu ottimali mill-possibiltajiet u l-għodod proposti fl-inizjattiva proposta ta' finanzi intelliġenti għal bini intelliġenti.

Fatturi ta' konverżjoni.

**28.** Għall-fini ta' paragun ta' iffrankar ta' enerġija u tal-konverżjoni f'unità komparabbli, il-fatturi ta' konverżjoni li hemm fir-Raba' Skeda għandhom ikunu japplikaw kemm-il darba l-użu tal-fatturi l-oħra ta' konverżjoni ma jkunux jistgħu jiġu ġustifikati.

Rapport ta' progress dwar il-miri nazzjonali ta' effiċjenza fl-enerġija.

**29.** Ir-Regolatur għandu jipprepara qabel it-30 ta' April ta' kull sena statistika fuq il-produzzjoni nazzjonali tal-elettriku u tas-sħana mill-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u baxxa, skont il-metodoloġija murija fl-Ewwel Skeda, fir-rigward tal-kapaċitajiet totali tas-sħana u tal-elettriku. Il-Ministru għandu jipprepara wkoll statistika ta' kull sena fuq il-kapaċitajiet ta' koġenerazzjoni tas-sħana u tal-elettriku u fuq il-karburanti għall-koġenerazzjoni, u fuq il-produzzjoni u l-kapaċitajiet distrettwali ta' tisħin u tkessiħ, fir-rigward tal-kapaċitajiet ta' sħana totali u tal-elettriku. Ir-Regolatur għandu jipprepara statistika fuq l-iffrankar ta' enerġija primarja miksub bl-applikazzjoni tal-koġenerazzjoni skont il-metodoloġija murija fit-Tieni Skeda.

Reati u pieni.

**30.** Kull persuna li:

(a) xjentement jew b'negliġenza taġixxi bi ksur ta' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti;

(b) tonqos milli tħares ordni leġittima li tingħatalha minn xi spettur, impjegat jew uffiċjal tar-Regolatur fl-eżekuzzjoni ta' dmirijiethom skont dawn ir-regolamenti;

(ċ) tagħmel dikjarazzjoni għal xi wieħed mill-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti li tkun falza, qarrieqa jew

skorretta f'xi fatt materjali,

tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti u għandha, meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux iżjed minn disgħa u sittin elf u tmien mija u wieħed u tmenin euro u għoxrin ċenteżmu (€69,881.20), jew elf u tliet mija u sebgħa u disgħin euro u tnejn u sittin ċenteżmu (€1,397.62) għal kull ġurnata li matulha jibqa' għaddej ir-reat.

Tħassir.

**31.** (1) Ir-Regolamenti dwar l-effiċjenza fl-Enerġija u l-Koġenerazzjoni qegħdin permezz ta' dawn ir-regolamenti jiġu mħassra.

(2) It-tħassir tar-regolamenti msemmija fis-subregolament (1) ma jolqot ebda ħaġa li tkun saret jew li kellha ssir taħt dawk ir-regolamenti.

---

L-Ewwel Skeda
(Regolament 29)
Prinċipji ġenerali għall-kalkolu tal-elettriku mill-koġenerazzjoni

Taqsima I. Prinċipji ġenerali

Il-valuri użati għall-kalkolu tal-elettriku mill-koġenerazzjoni għandhom jiġu stabbiliti fuq il-bażi tal-operat mistenni jew attwali tal-unità taħt kondizzjonijiet normali tal-użu. Għall-unitajiet ta' mikro koġenerazzjoni dan il-kalkolu jista' jiġi bbażat fuq valuri ċċertifikati.

(a) Il-produzzjoni tal-elettriku mill-koġenerazzjoni għandha titqies bħala ugwali għall-produzzjoni totali tal-elettriku ta' kull sena tal-unità mkejla fil-punt ta' ħruġ tal-ġeneraturi prinċipali:

(i) f'unitajiet ta' koġenerazzjoni tat-tip (b), (d), (e), (f), (g) u (h) imsemmija fit-Taqsima II b'effiċjenza globali ta' kull sena ta' mill-inqas ħamsa u sebgħin fil-mija (75%); u

(ii) f'unitajiet ta' koġenerazzjoni tat-tip (a) u (ċ) imsemmija fit-Taqsima II b'effiċjenza globali ta' kull sena f'livell ta' mill-anqas tmenin fil-mija (80%).

(b) F'unitajiet ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza globali ta' kull sena taħt il-valur imsemmi fil-paragrafu (a)(i) (unitajiet ta' koġenerazzjoni tat-tip (b), (d), (e), (f), (g) u (h) msemmija fit-Taqsima II) jew b'effiċjenza globali ta' kull sena taħt il-valur imsemmi fil-paragrafu (a)(ii) (unitajiet ta' koġenerazzjoni tat-tip (a) u (ċ) msemmija fit-Taqsima II) il-koġenerazzjoni tiġi kalkulata skont il-formula li ġejja:

$E_{CHP}=H_{CHP}*C$

fejn:

$E_{CHP}$ hija l-ammont tal-elettriku mill-koġenerazzjoni

C hija l-proporzjon tal-enerġija mas-sħana

$H_{CHP}$ hija l-ammont ta' sħana utli mill-koġenerazzjoni (kalkulata għal dan l-għan bħala l-produzzjoni tas-sħana totali nieqsa minn kull sħana prodotta f'bojlers separati jew bl-estrazzjoni ta' stim ħaj mill-ġeneratur tal-istim qabel ma jasal fit-turbina).

Il-kalkolu tal-elettriku mill-koġenerazzjoni għandu jkun ibbażat fuq il-proporzjon attwali tal-enerġija mas-sħana. Jekk il-proporzjon attwali tal-enerġija mas-sħana ma jkunx magħruf, jistgħu jintużaw dawn il-valuri stabbiliti minn qabel li ġejjin, l-aktar għal finijiet ta' statistika, għall-unitajiet tat-tip (a), (b), (ċ), (d) u (e) imsemmija fit-Taqsima II sakemm l-elettriku ġej mill-koġenerazzjoni jkun inqas minn jew daqs il-produzzjoni totali tal-elettriku tal-unità:

| Tip tal-unità | Proporzjon stabbilit minn qabel tal-enerġija mas-sħana, C |
|---|---|
| Turbina tal-gass b'ċiklu kombinat bl-irkuprar tas-sħana | 0,95 |
| Turbina tal-istim bil-kontrapressjoni | 0,45 |
| Turbina ta' kondensazzjoni bl-estrazzjoni tal-istim | 0,45 |
| Turbina tal-gass bl-irkuprar tas-sħana | 0,55 |
| Magna bil-kombustjoni interna | 0,75 |

Jekk ir-Regolatur jintroduċi valuri stabbiliti minn qabel għall-proporzjonijiet tal-enerġija mas-sħana għall-unitajiet tat-tip (f), (g), (h), (i), (j) u (k) imsemmija fit-Taqsima II, dawk il-valuri stabbiliti minn qabel għandhom jiġu pubblikati u avżati lill-Ministru.

(ċ) Jekk sehem mill-kontenut ta' enerġija tad-dħul tal-karburanti fil-proċess ta' koġenerazzjoni jiġi rkuprat f'sustanzi kimiċi u jiġi riċiklat, dan is-sehem jista' jiġi mnaqqas mid-dħul tal-karburanti qabel ma' tiġi kalkulata l-effiċjenza globali użata fil-paragrafi (a) u (b) ta' din l-Iskeda.

(d) Ir-Regolatur jista' jistabbilixxi l-proporzjon tal-enerġija mas-sħana bħala l-proporzjon bejn l-elettriku u s-sħana utli meta dan ikun qiegħd jopera b'mod ta' koġenerazzjoni

b'kapaċità inqas billi tuża d-*data* operattiva tal-unità speċifika.

(e) Ir-Regolatur jista' juża perjodi ta' rappurtar oħra li ma jkunux biss ta' sena waħda għall-finijiet tal-kalkoli skont il-paragrafi (a) u (b) ta' din l-Iskeda.

Taqsima II. Teknoloġiji ta' koġenerazzjoni li jaqgħu taħt dawn ir-regolamenti

(a) Turbina tal-gass b'ċiklu kombinat bl-irkuprar tas-sħana;

(b) Turbina tal-istim bil-kontrapressjoni;

(ċ) Turbina ta' kondensazzjoni bl-estrazzjoni tal-istim;

(d) Turbina tal-gass bl-irkuprar tas-sħana;

(e) Magna bil-kombustjoni interna;

(f) Mikroturbini;

(g) Magni *Stirling*;

(h) Ċelluli tal-karburanti;

(i) Magni tal-istim;

(j) Ċikli *Rankline* bi fluwidu organiku;

(k) Kull tip ieħor ta' teknoloġija jew tagħqid tagħhom li jaqa' taħt it-tifsira "koġenerazzjoni" li hemm fir-regolament 2.

---

It-Tieni Skeda
(Regolamenti 21(13) u 29(3))

Metodoloġija kif tiġi stabbilita l-effiċjenza tal-proċess ta' koġenerazzjoni

Il-valuri użati biex tiġi kalkulata l-effiċjenza tal-proċess ta' koġenerazzjoni u l-iffrankar primarju tal-enerġija għandhom jiġu stabbiliti fuq il-bażi tal-operazzjoni mistennija jew attwali tal-unità taħt kondizzjonijet ta' użu normali.

(a) Koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja

Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti il-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja għandha tissodisfa dawn il-kriterji li ġejjin:

(i) il-produzzjoni ta' koġenerazzjoni minn unitajiet ta' koġenerazzjoni għandha tkun tipprovdi iffrankar primarju tal-enerġija kalkulat skont il-paragrafu (b) ta' din l-Iskeda tal-anqas b'għaxra fil-mija (10%) meta mqabbla mar-referenzi għall-produzzjoni separata tas-sħana u l-elettriku;

(ii) il-produzzjoni minn unitajiet ta' koġenerazzjoni fuq skala żgħira jew ta' xorta mikro li tipprovdi iffrankar primarju ta' enerġija tista' tikkwalifika bħala koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja.

(b) Kalkolu ta' iffrankar primarju tal-enerġija

L-ammont ta' iffrankar primarju tal-enerġija provdut bil-produzzjoni ta' koġenerazzjoni mfissra skont l-Ewwel Skeda għandu jiġi kalkulat fuq il-bażi tal-formula li ġejja:

$$PES = \left(1 - \frac{1}{\frac{CHP\ H\eta}{\text{Ref H}\eta} + \frac{CHP\ E\eta}{\text{Ref E}\eta}}\right) X100\%$$

Fejn:

PES hija l-iffrankar primarju tal-enerġija.

CHP Hη hija l-effiċjenza tas-sħana tal-produzzjoni tal-koġenerazzjoni mfissra bħala l-produzzjoni annwali utli ta' sħana diviża mid-dħul ta' karburanti użat biex tiġi prodotta is-somma tal-produzzjoni utli ta' sħana u elettriku mill-koġenerazzjoni. Meta unità ta' koġenerazzjoni tkun tiġġenera enerġija mekkanika, l-elettriku ta' kull sena mill-koġenerazzjoni jista' jiżdied b'element addizzjonali li jkun jirrappreżenta l-ammont ta' elettriku li jkun ekwivalenti għal dak ta' enerġija mekkanika. Dan l-element addizzjonali ma jkun joħloq ebda dritt li jinħarġu garanziji dwar l-oriġini kif hemm fis-subregolament (13) tar-regolament 21.

Ref Eη hija l-valur ta' referenza tal-effiċjenza għall-produzzjoni tal-elettriku separata.

(ċ) Kalkoli ta' iffrankar tal-enerġija billi jiġi użat kalkolu alternattiv

Il-Ministru jista' jikkalkula l-iffrankar primarju tal-enerġija minn produzzjoni ta' sħana u elettriku u ta' enerġija mekkanika kif imfisser hawn aktar 'l isfel mingħajr ma juża l-Ewwel Skeda biex jeskludi l-partijiet ta' sħana u elettriku mhux koġenerati tal-istess proċess. Dik il-produzzjoni tista' titqies li tkun koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja sakemm din tkun twettaq il-kriterji ta' effiċjenza li

hemm fil-paragrafu (a) ta' din l-Iskeda u, għal unitajiet ta' koġenerazzjoni li jkollhom kapaċità elettrika ta' aktar minn 25 MW, l-effiċjenza globali tkun ta' aktar minn sebgħin fil-mija (70%). Madankollu, l-ispeċifikazzjoni tal-kwantità ta' elettriku minn koġenerazzjoni prodotta fi produzzjoni bħal dik, biex tkun tista' tinħareġ garanzija tal-oriġini u għal finijiet ta' statistika, għandha tiġi stabbilita skont l-Ewwel Skeda.

Jekk l-iffrankar primarju tal-enerġija għal xi proċess jiġi kalkulat billi jintuża kalkolu alternattiv kif imsemmi qabel l-iffrankar primarju tal-enerġija għandu jiġi kalkulat billi tintuża l-formola li hemm fil-paragrafu (b) ta' din l-Iskeda billi tibdel: "CHP Hη" ma' "Hη" u "CHP Eη" ma' "Eη", fejn:

Hη tfisser l-effiċjenza tas-sħana fil-proċess, imfissra bħala l-ħruġ ta' sħana ta' kull sena diviż bid-dħul ta' karburanti użat biex jiġi prodott l-ammont totali ta' sħana li toħroġ u ta' elettriku li joħroġ.

Eη tfisser l-effiċjenza tal-elettriku tal-proċess, imfissra bħala l-ħruġ ta' elettriku ta' kull sena diviż bid-dħul ta' karburanti użat biex jiġi prodott l-ammont totali ta' sħana li toħroġ u ta' elettriku li joħroġ. Meta unità ta' koġenerazzjoni tiġġenera enerġija mekkanika, l-elettriku ta' kull sena mill-koġenerazzjoni jista' jiġi miżjud b'element addizzjonali li jirrappreżenta l-ammont ta' elettriku li jkun ekwivalenti għal dik tal-enerġija mekkanika. Dan l-element addizzjonali ma joħloq ebda dritt biex jinħarġu garanziji tal-oriġini skont is-subregolament (13) tar-regolament 21.

(d) Ir-Regolatur jista' juża perjodi oħra ta' rappurtar li ma jkunux biss ta' sena waħda għall-finijiet ta' kalkoli li jsiru skont il-paragrafi (b) u (ċ) ta' din l-Iskeda.

(e) Għal unitajiet ta' mikro koġenerazzjoni il-kalkolu tal-iffrankar primarju tal-enerġija jista' jkun ibbażat fuq *data* ċċertifikati.

(f) Il-valuri ta' effiċjenza ta' referenza għal produzzjoni separata tas-sħana u l-elettriku.

Il-valuri ta' referenza ta' effiċjenza armonizzata għandhom ikunu jikkonsistu f'matriċi ta' valuri differenzjati b'fatturi rilevanti, inkluża s-sena ta' kostruzzjoni u t-tipi ta' karburanti, u għandhom ikunu ibbażati fuq analiżi msejsa fuq għadd ta' dokumenti fejn fost l-oħrajn jittieħed kont ta' *data* mill-użu operattiv taħt kondizzjonijiet realistiċi, it-taħlita ta' karburanti u l-kondizzjonijiet ta' klima kif ukoll it-teknoloġiji ta' koġenerazzjoni li jiġu applikati.

Il-valuri ta' effiċjenza ta' referenza għal produzzjoni separata tas-sħana u l-elettriku skont il-formola stipulata fil-paragrafu (b) għandha tistabbilixxi l-effiċjenza

operattiva tal-produzzjoni separata tas-sħana u l-elettriku li l-koġenerazzjoni tkun intiża li tidħol minflokhom.

Il-valuri ta' effiċjenza ta' referenza ghandhom jiġu kalkulati skont dawn il-prinċipji li ġejjin:

1. Għall-unitajiet ta' koġenerazzjoni kif imfissra fir-regolament 2, il-paragun mal-produzzjoni separata tal-elettriku għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipju li jitqabblu magħhom l-istess kategoriji ta' karburanti.

2. Kull unità ta' koġenerazzjoni għandha titqabbel mat-teknoloġija li tkun l-aktar disponibbli u ekonomikament ġustifikabbli fis-suq għall-produzzjoni separata tas-sħana u l-elettriku fis-sena ta' kostruzzjoni tal-unità ta' koġenerazzjoni.

3. Il-valuri ta' effiċjenza ta' referenza għal unitajiet ta' koġenerazzjoni eqdem minn għaxar (10) snin għandhom jiġu stabbiliti fuq il-valuri ta' referenza ta' unitajiet li jkollhom għaxar (10) snin.

4. Il-valuri ta' effiċjenza ta' referenza għall-produzzjoni tal-elettriku u għall-produzzjoni tas-sħana separati għandhom ikunu jirriflettu d-differenzi klimatiċi bejn l-Istati Membri.

---

It-Tielet Skeda
(Regolament 6(1))

Rekwiżiti tal-Effiċjenza fl-Enerġija għax-Xiri ta' prodotti, servizzi u bini mill-Gvern

Meta l-Gvern ikun qed jixtri prodotti, servizzi jew xi bini, sakemm dawn ikunu konsistenti ma' effettività fil-kost, fattibbiltà ekonomika, sostenibbiltà akbar, adattabilità teknika, kif ukoll kompetizzjoni suffiċjenti, dawn għandhom:

(a) meta prodott ikun kopert minn att delegat adottat taħt id-Direttiva 2010/30/UE jew id-Direttiva 92/75/KEE, jixtru biss il-prodotti li jikkonformaw mal-kriterju li jkunu jappartjenu għall-ogħla klassi ta' effiċjenza fl-enerġija possibbli fil-qies tal-ħieġa li tiġi żgurata kompetizzjoni suffiċjenti;

(b) meta prodott li ma jkunx kopert taħt il-paragrafu (a) ta' din l-Iskeda jkun kopert minn xi miżura ta' implimentazzjoni taħt ir-Regolamenti dwar Qafas għall-Iffissar ta' Ħtiġiet ta' Ekodisinn għal Prodotti li Jużaw l-Enerġija adottati wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, jixtru biss prodotti li jkunu jikkonformaw mal-parametri ta' effiċjenza fl-enerġija speċifikati f'dik il-miżura ta' implimentazzjoni;

(ċ) jixtru prodotti ta' tagħmir tal-uffiċċji koperti bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1005/KE li jikkonforma ma' rekwiżiti ta' effiċjenza fl-enerġija mhux inqas stretti minn dawk elenkati fl-Anness C mal-Ftehim mehmuż ma' dik id-Deċiżjoni;

(d) jixtru biss tajers li jikkonformaw mal-kriterju li jkollhom l-ogħla klassi ta' effiċjenza fl-enerġija ta' karburant, kif imfisser fir-Regolament (KE) Nru 1222/2009. Dan ir-rekwiżit ma għandux jipprevjeni lil korpi pubbliċi milli jixtru *tyres* bl-ogħla klassi ta' qbid fuq art imxarrba jew il-klassi ta' storbju ġej minn tidwir fuq barra meta dan ikun ġustifikat minn raġunijiet ta' sigurtà jew ta' saħħa pubblika;

(e) jeżiġu fis-sejħiet tagħhom għall-offerti għal kuntratti ta' servizzi li min jipprovdi s-servizzi juża biss, għall-finijiet tal-forniment ta' dawk is-servizzi, prodotti li jkunu jikkonformaw mar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafi (a) sa (d) ta' din l-Iskeda, meta jkunu qegħdin jipprovdu dawk is-servizzi. Dan ir-rekwiżit għandu japplika biss għal prodotti ġodda mixtrija mill-fornituri ta' servizzi f'parti minnhom jew għalkollox bil-għan li jipprovdu dak is-servizz;

(f) jixtru, jew jagħmlu pattijiet ġodda ta' kiri, biss għal bini li jkun konformi mill-inqas mal-inqas rekwiżiti ta' rendiment tal-enerġija msemmija fis-subregolament (1) tar-regolament kemm-il darba l-għan tax-xiri ma jkunx:

(i) biex jitwettaq ristawr komplet jew demolizzjoni;

(ii) il-korp pubbliku jkun ser jerġa' jbiegħ il-bini mingħajr ma jużah għall-finijiet tiegħu stess; jew

(iii) biex dan jinżamm bħala bini li jkun uffiċjalment protett bħala parti minn ambjent klassifikat, jew minħabba fil-mertu arkitettoniku jew storiku speċjali tiegħu.

Il-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti għandha tiġi verifikata permezz taċ-ċertifikati ta' rendiment tal-enerġija msemmijin fir-regolament 12 tar-Regolamenti dwar ir-Rendiment tal-Enerġija fl-Użu tal-Bini.

Ir-Raba' Skeda
(Regolamenti 8(4) u 28)

Kontenut ta' enerġija ta' karburanti magħżula għall-użu finali - tabella ta' konverżjoni*

| Prodott tal-enerġija | kJ (NCV) | kgoe (NCV) | kWh (NCV) |
|---|---|---|---|
| 1 kg kokk | 28500 | 0,676 | 7,917 |
| 1 kg faħam iebes | 17200 - 30700 | 0,411 - 0,733 | 4,778 - 8,528 |
| 1 kg maltunelli ta' faħam kannella | 20000 | 0,478 | 5,556 |
| 1 kg linjite iswed | 10500 - 21000 | 0,251 - 0,502 | 2,917 - 5,833 |
| 1 kg faħam kannella | 5600 - 10500 | 0,134 - 0,251 | 1,556 - 2,917 |
| 1 kg *shale* taż-żejt | 8000 - 9000 | 0,191 - 0,215 | 2,222 - 2,500 |
| 1 kg pit | 7800 - 13800 | 0,186 - 0,330 | 2,167 - 3,833 |
| 1 kg maltunelli tal-pit | 16000 - 16800 | 0,382 - 0,401 | 4,444 - 4,667 |
| 1 kg żejt tal-karburant residwu (żejt tqil) | 40000 | 0,955 | 11,111 |
| 1 kg żejt tal-karburant ħafif | 42300 | 1,010 | 11,750 |
| 1 kg spirtu tal-magni (petrol) | 44000 | 1,051 | 12,222 |
| 1 kg paraffin | 40000 | 0,955 | 11,111 |
| 1 kg gass taż-żejt mhux raffinat likwifikat | 46000 | 1,099 | 12,778 |
| 1 kg gass naturali [1] | 47200 | 1,126 | 13,10 |
| 1 kg gass naturali likwifikat | 45190 | 1,079 | 12,553 |
| 1 kg injam (umdità ta' 25%) [2] | 13800 | 0,330 | 3,833 |
| 1 kg gerbub/briks tal-injam | 16800 | 0,401 | 4,667 |
| 1 kg skart | 7400 - 10700 | 0,177 - 0,256 | 2,056 - 2,972 |

* Il-Ministru jista' japplika fatturi ta' konverżjoni differenti jekk dawn ikunu jistgħu jiġu ġustifikati.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 MJ sħana derivata | 1000 | 0,024 | 0,278 |
| 1 kWh enerġija elettrika | 3600 | 0,086 | 1 [3] |

Sors: Eurostat.

[1] tlieta u disgħin fil-mija (93%) metan.

[2] Il-Ministru jista' japplika valuri oħra hekk kif ikun it-tip ta' injam li l-aktar jintuża f'Malta.

[3] Applikabbli meta l-iffrankar tal-enerġija jiġi kkalkulat f'termini ta' enerġija primarja fejn jintuża approċċ minn isfel għal fuq ibbażat fuq il-konsum finali tal-enerġija. Għall-iffrankar f'kWh ta' elettriku, il-Ministru għandu japplika koeffiċjent stabbilit permezz ta' metodoloġija trasparenti fuq il-bażi ta' ċirkostanzi nazzjonali li jaffetwaw il-konsum primarju tal-enerġija, sabiex jiġi żgurat kalkolu preċiż ta' kemm jiġi ffrankat fil-verità. Dawk iċ-ċirkostanzi għandhom ikunu sostanzjati, verifikabbli u bbażati fuq kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji. Għall-iffrankar f'kWh ta' elettriku il-Ministru jista' japplika koeffiċjent awtomatiku ta' 2,1 jew juża id-diskrezzjoni biex jiddefinixxi koeffiċjent differenti sakemm ikun jista' jiġġustifikah. Meta jagħmel dan, il-Ministru għandu jikkunsidra t-taħlita enerġetika inkluża fil-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima li għandu jiġu nnotifikat lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2018/1999.

---

Il-Ħames Skeda
(Regolamenti 7, 8, 9 u 27(4))

Metodi u prinċipji komuni biex jiġi kkalkulat l-impatt tal-iskemi tal-obbligu ta' effiċjenza fl-enerġija jew ta' miżuri oħrajn ta' politika taħt ir-regolamenti 7, 8 u 9 u r-regolament 27(4)

1. Metodi sabiex jiġi kkalkulat l-iffrankar tal-enerġija minbarra dawk li jirriżultaw minn miżuri ta' intaxxar għall-finijiet tar-regolamenti 7, 8 u 9 u tas-subregolament (4) tar-regolament 27.

Il-partijiet obbligati, parteċipanti jew inkarigati jew l-awtoritajiet pubbliċi li jimplentaw jistgħu jużaw il-metodi li ġejjin biex jikkalkulaw l-iffrankar tal-enerġija:

(a) iffrankar stmat, b'referenza għar-riżultati ta' titjib enerġetiku preċedenti mmonitorjat b'mod indipendenti f'installazzjonijiet simili. L-approċċ ġeneriku jissejjaħ "ex-ante";

(b) iffrankar imkejjel bl-arloġġi, fejn l-iffrankar mill-

installazzjoni ta' miżura, jew ta' pakkett ta' miżuri, jiġi determinat permezz tar-reġistrazzjoni tat-tnaqqis proprju fl-użu tal-enerġija, filwaqt li jitqiesu fatturi bħall-addizzjonalità, l-okkupazzjoni tal-bini, il-livelli ta' produzzjoni u t-temp, li jistgħu jaffettwaw il-konsum. L-approċċ ġeneriku jissejjaħ "*ex-post*";

(ċ) iffrankar skalat, fejn jintużaw stimi tal-inġinerija tal-iffrankar. Dan l-approċċ jista' jintuża biss fejn l-istabbiliment ta' *data* mkejla robusta għal installazzjoni speċifika jkun diffiċli jew għali b'mod sproporzjonat, pereżempju s-sostituzzjoni ta' kompressur jew mutur tal-elettriku b'rata ta' kWh differenti minn dik li għaliha tkejlet l-informazzjoni indipendenti dwar l-iffrankar, jew fejn dawk l-istimi jsiru fuq il-bażi ta' metodoloġiji u punti ta' riferiment nazzjonali stabbiliti minn esperti kwalifikati jew akkreditati li huma indipendenti mill-partijiet obbligati, parteċipanti jew inkarigati involuti;

(d) iffrankar mistħarreġ, fejn tiġi ddeterminata r-reazzjoni tal-konsumaturi għall-pariri, għall-kampanji ta' informazzjoni, għall-iskemi ta' tikkettar jew ta' ċertifikazzjoni jew kejl intelliġenti tal-konsum. Dan l-approċċ jista' jintuża biss għall-iffrankar li jirriżulta minn tibdil fl-imġieba tal-konsumatur. Ma għandux jintuża għall-iffrankar li jirriżulta mill-installazzjoni ta' miżuri fiżiċi.

2. Fid-determinazzjoni tal-iffrankar tal-enerġija għal miżura ta' effiċjenza fl-enerġija għall-finijiet tar-regolamenti 7, 8 u 9 u tas-subregolament (4) tar-regolament 27 għandhom japplikaw il-prinċipji li ġejjin:

(a) l-iffrankar għandu jintwera li huwa addizzjonali għal dak li kien ser ikun hemm fi kwalunkwe każ mingħajr l-attività tal-partijiet obbligati, parteċipanti jew inkarigati jew tal-awtoritajiet pubbliċi li jimplimentaw. Biex jiġi ddeterminat l-iffrankar li jista' jiġi ddikjarat bħala addizzjonali il-Ministru għandu jikkunsidra kif l-użu tal-enerġija u d-domanda għaliha jevolvu fin-nuqqas tal-miżura ta' politika in kwistjoni billi jqis minn tal-inqas il-fatturi mniżżlin hawn taħt:

(i) xejriet ta' konsum tal-enerġija,

(ii) bidliet fl-imġieba tal-konsumaturi;

(iii) progress teknoloġiku; u

(iv) bidliet ikkawżati minn miżuri oħrajn implimentati fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali.

(b) l-iffrankar li jirriżulta mill-implimentazzjoni tal-liġi obbligatorja tal-Unjoni għandu jitqies bħala ffrankar li kien

ser iseħħ fi kwalunkwe każ, u b'hekk ma għandux jiġi ddikjarat bħala ffrankar tal-enerġija għall-iskop tas-subregolament (1) tar-regolament 7. B'deroga minn dak ir-rekwiżit, l-iffrankar marbut mar-rinnovazzjoni ta' bini eżistenti jista' jiġi ddikjarat bħala ffrankar tal-enerġija għall-iskop tas-subregolament (1) tar-regolament 7 dment li jkun żgurat il-kriterju ta' materjalità msemmi fil-partita 3(h) ta' din l-Iskeda. L-iffrankar li jirriżulta mill-implimentazzjoni ta' rekwiżiti minimi nazzjonali stabbiliti għal bini ġdid qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti Dwar ir-Rendiment tal-Enerġija fl-użu tal-Bini jista' jiġi ddikjarat bħala ffrankar tal-enerġija għall-iskop tal-paragrafu (a) tas-subregolament (1) tar-regolament 7 diment li jkun żgurat il-kriterju ta' materjalità msemmi fil-partita 3(h) ta' din l-Iskeda u dak l-iffrankar tkun ingħatat notifika dwaru fil-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Effiċjenza fl-Enerġija.

(ċ) jista' jingħata kreditu biss għall-iffrankar li jaqbeż il-livelli li ġejjin:

(i) l-istandards tal-Unjoni għall-prestazzjoni b'rabta mal-emissjonijiet għal karozzi ġodda tal-passiġġieri u għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda wara l-implimentazzjoni tar-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

(ii) ir-rekwiżiti tal-Unjoni relatati mat-tneħħija mis-suq ta' ċerti prodotti relatati mal-enerġija wara l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' implimentazzjoni skont id-Direttiva 2009/125/KE.

(d) il-politiki bl-iskop li jinkoraġġixxu livelli ogħla ta' effiċjenza fl-enerġija ta' prodotti, tagħmir, sistemi tat-trasport, vetturi u karburanti, bini u elementi tal-bini, proċessi jew swieq għandhom ikunu permessi.

(e) il-miżuri li jippromwovu l-installazzjoni ta' teknoloġiji ta' enerġija rinnovabbli fuq skala żgħira fuq jew f'bini jistgħu jkunu eliġibbli biex jitqiesu fl-adempiment tar-rekwiżiti ta' ffrankar tal-enerġija meħtieġa skont is-subregolament (1) tar-regolament 7, sakemm jirriżultaw f'iffrankar tal-enerġija verifikabbli, u li jkun jista' jitkejjel jew jiġi stmat. Il-kalkolu tal-iffrankar tal-enerġija għandu jkun konformi mar-rekwiżiti ta' din l-Iskeda.

(f) għall-politiki li jaċċelleraw l-adozzjoni ta' prodotti u vetturi aktar effiċjenti, tista' ssir dikjarazzjoni għal kreditu sħiħ dment li jintwera li tali adozzjoni sseħħ qabel l-iskadenza tat-tul ta' ħajja medju mistenni tal-prodott jew tal-vettura, jew qabel ma l-prodott jew il-vettura normalment jiġu sostitwiti, u sakemm l-iffrankar jiġi ddikjarat biss għall-perjodu

sa tmiem it-tul ta' ħajja medju mistenni tal-prodott jew tal-vettura li jridu jiġu sostitwiti.

(g) fil-promozzjoni tat-teħid ta' miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija, il-Ministru għandu fejn rilevanti, jiżgura li jinżammu l-*istandards* ta' kwalità għall-prodotti, għas-servizzi u għall-installazzjoni ta' miżuri, jew li dawn jiġu introdotti fejn ma jeżistux.

(h) biex jitqiesu l-varjazzjonijiet klimatiċi bejn ir-reġjuni, il-Ministru jista' jagħżel li jaġġusta l-iffrankar għal valur standard jew li jagħti ffrankar tal-enerġija differenti skont il-varjazzjonijiet fit-temperatura bejn ir-reġjuni.

(i) il-kalkolu tal-iffrankar tal-enerġija għandu jqis it-tul ta' ħajja tal-miżuri u r-rata li biha l-iffrankar jonqos maż-żmien. Dak il-kalkolu għandu jgħodd l-iffrankar li kull azzjoni individwali tikseb matul il-perjodu mid-data tal-implimentazzjoni tagħha sal-31 ta' Diċembru 2020 jew il-31 ta' Diċembru 2030 skont il-każ. Inkella, il-Ministru jista' jadotta metodu ieħor li huwa stmat li jikseb mill-inqas l-istess kwantità totali ta' ffrankar. Meta jużа metodu ieħor, il-Ministru għandu jiżgura li l-ammont totali ta' ffrankar tal-enerġija kkalkulat bl-użu ta' dak il-metodu ma jaqbiżx l-ammont ta' ffrankar tal-enerġija li kien jirriżulta mill-kalkolu meta jingħadd l-iffrankar li kull azzjoni individwali ser tikseb matul il-perjodu mid-data tal-implimentazzjoni tagħha sal-31 ta' Diċembru 2020 jew il-31 ta' Diċembru 2030 skont il-każ. Il-metodu l-ieħor u liema dispożizzjonijiet saru biex jiġi żgurat li jkun sodisfatt ir-rekwiżit vinkolanti dwar il-kalkolu għandhom jiġu jiddeskritti fid-dettall fil-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima taħt ir-Regolament (UE) 2018/1999.

3. Il-Ministru għandu jiżgura li r-rekwiżiti li ġejjin għall-miżuri ta' politika li ttieħdu skont ir-regolament 9 u s-subregolament (4) tar-regolament 27 jintlaħqu:

(a) il-miżuri ta' politika u l-azzjonijiet individwali jipproduċu ffrankar fl-użu aħħari tal-enerġija li jista' jiġi vverifikat;

(b) ir-responsabbiltà ta' kull parti parteċipanti, parti inkarigata jew awtorità pubblika ta' implimentazzjoni, kif rilevanti, tiġi definita b'mod ċar;

(ċ) l-iffrankar tal-enerġija li jinkiseb jew li għandu jinkiseb jiġi ddeterminat b'mod trasparenti;

(d) l-ammont ta' ffrankar tal-enerġija meħtieġ jew li għandu jintlaħaq mill-miżura ta' politika jiġi espress fil-konsum finali jew primarju tal-enerġija, bl-użu tal-fatturi ta'

konverżjoni mniżżla fir-Raba' Skeda;

(e) għandu jiġi pprovdut u jsir disponibbli għall-pubbliku rapport annwali dwar l-iffrankar tal-enerġija miksub mill-partijiet inkarigati, il-partijiet parteċipanti u l-awtoritajiet pubbliċi li jimplimentaw kif ukoll *data* dwar ix-xejra annwali ta' ffrankar tal-enerġija;

(f) monitoraġġ tar-riżultati u t-teħid ta' miżuri xierqa jekk il-progress ma jkunx sodisfaċenti;

(g) l-iffrankar tal-enerġija minn azzjoni individwali ma jiġix iddikjarat minn iktar minn parti waħda;

(h) għandu jintwera li l-attivitajiet tal-parti parteċipanti, tal-parti inkarigata jew tal-awtorità pubblika li timplimenta jkunu materjali għall-kisba tal-iffrankar tal-enerġija ddikjarat.

4. Fid-determinazzjoni tal-iffrankar tal-enerġija minn miżuri ta' politika relatati ma' intaxxar introdotti taħt ir-regolament 9, għandhom japplikaw il-prinċipji li ġejjin:

(a) għandu jingħata kreditu biss għall-iffrankar tal-enerġija minn miżuri ta' intaxxar li jaqbżu l-livelli minimi ta' intaxxar applikabbli għall-karburanti kif meħtieġ fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE jew 2006/112/KE;

(b) il-flessibbiltà tal-prezz għall-kalkolu tal-impatt tal-miżuri ta' intaxxar (fuq l-enerġija) għandha tirrappreżenta r-rispons tad-domanda għall-enerġija għall-bidliet fil-prezzijiet, u għandha tiġi stmata abbażi ta' sorsi ta' *data* uffiċjali riċenti u rappreżentattivi;

(ċ) l-iffrankar tal-enerġija minn strumenti ta' politika ta' intaxxar li jakkumpanjawhom, inkluż inċentivi fiskali jew pagament għal fond, għandu jitqies separatament.

5. Notifika tal-metodoloġija

Il-Ministru għandu, f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999, jinnotifika lill-Kummissjoni bil-metodoloġija dettaljata proposta tiegħhu għat-tħaddim tal-iskemi ta' obbligi ta' effiċjenza fl-enerġija u tal-miżuri alternattivi msemmija fir-regolamenti 8 u 9 u fis-subregolament (4) tar-regolament 27. Ħlief fil-każ ta' intaxxar, tali notifika għandha tinkludi dettalji ta':

(a) il-livell tal-iffrankar tal-enerġija meħtieġ skont il-paragrafu (b) tas-subregolament (1) tar-regolament 7 jew l-iffrankar mistenni li jinkiseb tul il-perjodu sħiħ mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2030;

(b) il-partijiet obbligati, parteċipanti jew inkarigati, jew l-awtoritajiet pubbliċi li jimplimentaw;

(ċ) is-setturi fil-mira;

(d) il-miżuri ta' politika u l-azzjonijiet individwali, inkluż l-ammont totali mistenni tal-iffrankar kumulattiv tal-enerġija għal kull miżura;

(e) it-tul tal-perjodu ta' obbligu għall-iskema ta' obbligi ta' effiċjenza fl-enerġija;

(f) l-azzjonijiet previsti mill-miżura ta' politika;

(g) il-metodoloġija tal-kalkolu, inkluż kif ġew iddeterminati l-addizzjonalità u l-materjalità u liema metodoloġiji u punti ta' riferiment jintużaw għall-iffrankar stmat u skalat;

(h) it-tul ta' ħajja tal-miżuri u kif dan jiġi kkalkulat jew fuq xiex inhu bbażat;

(i) l-approċċ meħud biex jiġu indirizzati l-varjazzjonijiet klimatiċi;

(j) is-sistemi tal-monitoraġġ u tal-verifika għall-miżuri skont ir-regolamenti 8 u 9 u kif tiġi żgurata l-indipendenza tagħhom mill-partijiet obbligati, parteċipanti jew inkarigati;

(k) fil-każ tat-tassazzjoni:

(i) is-setturi u t-taqsima ta' min iħallas it-taxxa fil-mira;

(ii) l-awtorità pubblika ta' implimentazzjoni;

(iii) l-iffrankar li huwa mistenni jinkiseb;

(iv) it-tul ta' żmien tal-miżura tat-tassazzjoni; u

(v) il-metodoloġija tal-kalkolu, inkluż liema flessibbiltà tal-prezz qed tintuża u kif din ġiet stabbilita.

---

Is-Sitt Skeda
(Regolament 10(3), (10) u (11))

L-inqas kriterji għall-verifiki tal-enerġija inklużi dawk li jsiru bħala parti mis-sistemi tal-ġestjoni tal-enerġija

Il-verifiki tal-enerġija msemmija fir-regolament 10 għandhom

ikunu bażati fuq il-linji gwida li ġejjin:

(a) jissejsu fuq *data* operattiva aġġornata, imkejla u traċċabbli fuq il-konsum tal-enerġija u (għall-elettriku) fuq il-profili tat-tagħbija;

(b) jinkludu reviżjoni dettaljata tal-profil ta' konsum tal-enerġija ta' bini jew gruppi ta' bini, operazzjonijiet jew installazzjonijiet industrijali, inkluż it-trasport;

(ċ) jibnu, meta jkun possibbli, fuq analiżi tal-kost taċ-ċiklu vitali (LCCA) minflok fuq Perjodi ta' Ħlas Lura Sempliċi (SPP) sabiex jitqies l-iffrankar fit-tul, tal-valuri residwi ta' investimenti fit-tul u ta' rati ta' skont;

(d) ikunu proporzjonati, u biżżejjed rappreżentattivi hekk li jippermettu l-għemil ta' stampa affidabbli tar-rendiment globali tal-enerġija u l-identifikazzjoni affidabbli tal-aktar opportunitajiet sinifikanti għat-titjib.

Il-verifiki tal-enerġija għandhom jippermettu kalkoli dettaljati u validati għall-miżuri proposti hekk li jkunu jipprovdu informazzjoni ċara fuq l-iffrankar potenzjali.

Id-*data* użata fil-verifiki tal-enerġija għandha tkun tista' tinħażen għal analiżi storika u traċċar tar-rendiment.

---

Is-Seba' Skeda
(Regolament 15(1) u (3)(ċ))

Taqsima I

Rekwiżiti minimi għall-kontijiet u informazzjoni dwar il-kontijiet ibbażata fuq il-konsum reali tal-elettriku u l-gass

1. Rekwiżiti minimi għall-kontijiet

1.1. Kontijiet ibbażati fuq il-konsum attwali

Biex il-klijenti aħħarin ikunu jistgħu jirregolaw il-konsum tagħhom tal-enerġija, il-kontijiet għandhom isiru fuq il-bażi ta' konsum attwali mill-inqas darba fis-sena, u l-informazzjoni fil-kontijiet għandha tkun disponibbli mill-inqas kull tliet (3) xhur fuq talba jew meta l-konsumaturi jkunu għażlu li jirċievu kont elettroniku, jew inkella darbtejn fis-sena. Il-gass li jintuża għal skopijiet ta' tisjir biss jista' jiġi eżentat minn dan ir-rekwiżit.

1.2. Informazzjoni minima li tiddaħħal fil-kont

Meta jkun adatt, din l-informazzjon li ġejja għandha tkun

disponibbli għall-klijenti aħħarin bi kliem ċar u li jinftiehem jew ġewwa jew mehmuża mal-kontijiet, kuntratti, transazzjonijiet, u irċevuti tagħhom fl-istazzjonijiet ta' distribuzzjoni:

(a) il-prezzijiet attwali kurrenti u l-konsum attwali tal-enerġija;

(b) paraguni bejn il-konsum kurrenti ta' enerġija tal-klijent finali mal-konsum għall-istess perjodu fis-sena ta' qabel, preferibbilment f'forma grafika;

(ċ) l-informazzjoni ta' kif isir kuntatt ma' organizzazzjonijiet tal-klijenti aħħarin, aġenziji tal-enerġija jew korpi simili, inklużi indirizzi ta' siti elettroniċi, minn fejn tkun tista' tinkiseb informazzjoni fuq il-miżuri disponibbli għat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija, il-profili komparattivi tal-utenti aħħarin u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi oġġettivi għal tagħmir li juża l-enerġija.

Barra minn dan, kull meta jkun possibbli u siewi, din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli għal klijenti aħħarin bi kliem ċar u li jinftiehem, ġewwa, ma' jew mehmużin mal-kontijiet, kuntratti, transazzjonijiet, u irċevuti maħruġin mill-istazzjonijiet ta' distribuzzjoni;

(d) paraguni ma' klijent finali medju normalizzat jew li jkun iservi ta' parametru ta' referenza fl-istess kategorija ta'utenti.

1.3. Pariri fuq l-effiċjenza fl-enerġija li jintehmżu mal-kontijiet u rispons ieħor għall-klijenti aħħarin

Meta jkunu qegħdin jibagħtu kuntratti u bidliet fil-kuntratti, u fil-kontijiet li jirċievu l-klijenti jew permezz ta' siti elettroniċi li jindirizzaw lil klijenti individwali, id-distributuri tal-enerġija, l-operaturi ta' sistema ta' distribuzzjoni u l-kumpanniji tal-bejgħ tal-enerġija bl-imnut għandhom jgħarrfu lill-klijenti tagħhom b'mod ċar u li jinftiehem sew b'informazzjoni dwar kif isir kuntatt ma' ċentri indipendenti li jagħtu pariri lil konsumaturi, aġenziji tal-enerġija jew istituzzjonijiet simili, inklużi l-indirizzi tagħhom tal-internet, minn fejn ikunu jistgħu jiksbu pariri fuq miżuri disponibbli dwar l-effiċjenza fl-enerġija, il-profili ta' parametri ta' referenza għall-konsum tal-enerġija tagħhom u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' tagħmir li juża l-enerġija li jistgħu jservu biex inaqqsu l-konsum ta' dan it-tagħmir.

Taqsima II

Rekwiżiti minimi għal informazzjoni dwar il-kontijiet u dwar il-konsum għat-tisħin, it-tkessiħ u l-ilma sħun domestiku

1. Kontijiet ibbażati fuq il-konsum reali jew il-qari tal-allokaturi tal-ispiża għat-tisħin

Sabiex l-utenti aħħarin ikunu jistgħu jirregolaw il-konsum tagħhom tal-enerġija, il-fornituri tagħhom għandhom jiżguraw li il-kontijiet għandhom isiru fuq il-bażi tal-konsum reali jew il-qari tal-allokaturi tal-ispiża għat-tisħin tal-inqas darba fis-sena.

2. Frekwenza minima tal-informazzjoni dwar il-kontijiet jew il-konsum

Mill-25 ta' Ottubru 2020, fejn ikunu ġew installati arloġġi li jinqraw mill-bogħod jew allokaturi tal-ispiża għat-tisħin, l-informazzjoni dwar il-kontijiet jew il-konsum ibbażata fuq il-konsum reali jew il-qari tal-allokaturi tal-ispiża tat-tisħin għandha tiġi pprovduta lill-utenti aħħarin tal-inqas kull tliet (3) xhur fuq talba jew fejn il-klijenti aħħarin ikunu għażlu li jirċievu kont elettroniku, jew inkella darbtejn fis-sena.

Mill-1 ta' Jannar 2022, fejn ikunu ġew installati arloġġi li jinqraw mill-bogħod jew allokaturi tal-ispiża għat-tisħin, l-informazzjoni dwar il-kontijiet jew il-konsum ibbażata fuq il-konsum reali jew il-qari tal-allokaturi tal-ispiża għat-tisħin għandha tiġi pprovduta lill-utenti aħħarin mill-inqas kull xahar. Din tista' wkoll issir disponibbli permezz tal-Internet u tiġi aġġornata sikwiet skont kemm dan hu permess mill-apparat u s-sistemi ta' kejl użati. It-tisħin u t-tkessiħ jistgħu jiġu eżentati minn dak ir-rekwiżit barra l-istaġuni tat-tisħin jew tat-tkessiħ.

3. Informazzjoni minima li għandha tkun fil-kont

Il-fornituri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni li ġejja ssir disponibbli għall-utenti aħħarin f'termini ċari u li jinftiehmu fil-kontijiet tagħhom jew magħhom fejn dawn ikunu bbażati fuq il-konsum reali jew il-qari tal-allokaturi tal-ispiża għat-tisħin:

(a) il-prezzijiet reali kurrenti u l-konsum reali tal-enerġija jew l-ispiża totali tat-tisħin u l-qari tal-allokaturi tal-ispiża għat-tisħin;

(b) l-informazzjoni dwar it-taħlita tal-karburanti użata u l-emissjonijiet annwali ta' gassijiet serra relatati, inkluż għall-utenti aħħarin fornuti mit-tisħin jew it-tkessiħ distrettwali, u deskrizzjoni tat-taxxi, l-imposti u t-tariffi differenti applikati. Il-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżit li tingħata informazzjoni dwar l-emissjonijiet ta' gass serra tista' tiġi llimitata biex tinkludi biss provvisti minn sistemi ta' tisħin distrettwali b'*input* termali kklassifikat totali li jaqbeż l-20 MW;

(ċ) il-paraguni tal-konsum kurrenti tal-enerġija tal-utenti aħħarin mal-konsum għall-istess perjodu fis-sena preċedenti f'forma grafika, bil-korrezzjonijiet tal-klima għat-tisħin u għat-tkessiħ;

(d) l-informazzjoni ta' kuntatt għall-organizzazzjonijiet tal-klijenti aħħarin, għall-aġenziji tal-enerġija jew għal korpi simili, inkluż l-indirizzi tas-siti elettroniċi minn fejn tista' tinkiseb informazzjoni dwar il-miżuri disponibbli għat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija, il-profili komparattivi tal-utenti aħħarin u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi oġġettivi għal tagħmir li juża l-enerġija;

(e) l-informazzjoni dwar proċeduri ta' lmenti rilevanti, servizzi tal-ombudsman jew mekkaniżmi alternattivi ta' riżoluzzjoni ta' tilwim, kif applikabbli;

(f) il-paraguni ma' utent aħħari medju normalizzat jew skont punti ta' riferiment fl-istess kategorija ta' utenti. Fil-każ ta' kontijiet elettroniċi, tali paraguni jistgħu minflok isiru disponibbli *online* u indikazzjoni għalihom tingħata fil-kontijiet.

Kontijiet li ma jkunux ibbażati fuq il-konsum reali jew il-qari tal-allokaturi tal-ispiża għat-tisħin għandhom jinkludu spjegazzjoni ċara u li tinftiehem ta' kif l-ammont stipulat fil-kont ġie kkalkulat, u tal-inqas l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi (d) u (e).

---

It-Tmien Skeda
(Regolament 21(1) u (4))

Potenzjal għal tisħin u għal tkessiħ effiċjenti

Il-valutazzjoni komprensiva tal-potenzjal nazzjonali għal tisħin u għal tkessiħ effiċjenti msemmija fis-subregolament (1) tar-regolament 21 għandha tinkludi u tkun ibbażata fuq dan li ġej:

L-Ewwel Taqsima - Ħarsa Kumplessiva lejn it-Tisħin u t-Tkessiħ

1. id-domanda għat-tisħin u għat-tkessiħ f'termini ta' enerġija utli vvalutata ([1]) u f'termini ta' konsum finali tal-enerġija kkwantifikat f'GWh kull sena ([2]) skont is-setturi:

(a) is-settur residenzjali;

(b) is-settur tas-servizzi;

(ċ) is-settur tal-industrija;

(d) kwalunkwe settur ieħor li individwalment jikkonsma iktar minn ħamsa fil-mija (5%) tad-domanda nazzjonali totali għat-tisħin u għat-tkessiħ utli;

2. l-identifikazzjoni, jew fil-każ tal-partita 2(a)(i), l-

identifikazzjoni jew l-istima, tal-provvista attwali ta' tisħin u ta' tkessiħ:

(a) skont it-teknoloġija, f'GWh kull sena ([3]), fis-setturi msemmija fil-partita 1, filwaqt li fejn ikun possibbli, ssir distinzjoni bejn l-enerġija minn sorsi fossili u dik minn sorsi rinnovabbli:

(i) ipprovduta fil-post f'siti mhux ta' servizz u mhux residenzjali permezz ta':

- bojlers tas-sħana biss;

- koġenerazzjoni tas-sħana u tal-enerġija b'effiċjenza għolja;

- pompi tas-sħana;

- teknoloġiji u sorsi oħra fil-post;

(ii) ipprovduta fil-post f’siti mhux ta’ servizz u mhux residenzjali permezz ta’:

- bojlers tas-sħana biss;

- koġenerazzjoni tas-sħana u tal-enerġija b'effiċjenza għolja;

- pompi tas-sħana;

- teknoloġiji u sorsi oħra fil-post;

(iii) ipprovduta mhux fil-post permezz ta':

- koġenerazzjoni tas-sħana u tal-enerġija b'effiċjenza għolja;

- sħana residwa;

- teknoloġiji u sorsi oħra mhux fil-post;

(b) l-identifikazzjoni ta’ installazzjonijiet li jiġġeneraw sħana jew kesħa residwa u l-provvista potenzjali tagħhom ta’ tisħin jew ta’ tkessiħ, f’GWh kull sena:

(i) l-installazzjonijiet ta’ ġenerazzjoni tal-enerġija termali li jistgħu jipprovdu jew li jistgħu jiġu mmodifikati retroattivament biex jipprovdu s-sħana residwa b’*input* termali totali li jaqbeż l-50 MW;

(ii) l-installazzjonijiet tal-koġenerazzjoni tas-sħana u tal-enerġija li jużaw it-teknoloġiji msemmija fit-

Taqsima II tal-Ewwel Skeda b'*input* termali totali li jaqbeż l-20 MW;

(iii) l-impjanti ta' inċinerazzjoni tal-iskart;

(iv) l-installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli b'input termali totali li jaqbeż l-20 MW, ħlief l-installazzjonijiet speċifikati fil-partita 2(b)(i) u (ii) li jiġġeneraw it-tisħin jew it-tkessiħ bl-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli;

(v) l-installazzjonijiet industrijali b'input termali totali li jaqbeż l-20 MW u li jistgħu jipprovdu sħana residwa;

(ċ) -ammont irrapportat ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli u minn sħana jew kesħa residwa fil-konsum finali tal-enerġija tas-settur tat-tisħin u tat-tkessiħ distrettwali ([4]) matul l-aħħar ħames (5) snin, b'konformità mad-Direttiva (UE) 2018/2001;

3. mappa li tkopri t-territorju nazzjonali kollu u li tidentifika (filwaqt li tiġi ppreservata l-informazzjoni kummerċjalment sensittiva):

(a) iż-żoni tad-domanda għat-tisħin u għat-tkessiħ wara l-analiżi tal-partita 1, filwaqt li jintużaw kriterji konsistenti biex issir enfasi fuq iż-żoni b'densità tal-enerġija fil-muniċipalitajiet u fil-konurbazzjonijiet;

(b) il-punti tal-provvista eżistenti ta' tisħin u ta' tkessiħ identifikati skont il-partita 2(b) u l-installazzjonijiet eżistenti tat-trażmissjoni tat-tisħin distrettwali;

(ċ) il-punti tal-provvista ppjanati ta' tisħin u ta' tkessiħ tat-tip deskritt skont il-partita 2(b) u l-installazzjonijiet eżistenti tat-trażmissjoni tat-tisħin distrettwali;

4. tbassir tax-xejriet fid-domanda għat-tisħin u għat-tkessiħ biex tinżamm perspettiva tat-tletin (30) sena li jmiss f'GWh u filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari l-projezzjonijiet għall-għaxar (10) snin li ġejjin, il-bidla fid-domanda fil-bini u f'setturi differenti tal-industrija, u l-impatt tal-politiki u tal-istrateġiji marbuta mal-ġestjoni tad-domanda, bħall-istrateġiji fit-tul ta' rinnovazzjoni tal-bini skont id-Direttiva (UE) 2018/844;

It-Tieni Taqsima - Objettivi, Strateġiji u Miżuri ta' Politika

5. il-kontribuzzjoni ppjanata fir-rigward tal-għanijiet, tal-miri u tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali għall-ħames dimensjonijiet tal-unjoni tal-enerġija, kif stipulat fl-Artikolu 3(2)(b) tar-Regolament (UE) 2018/1999, imwassla permezz ta' tisħin u ta' tkessiħ effiċjenti,

b'mod partikolari b'rabta mal-punti 1 sa 4 tal-Artikolu 4(b) u mal-paragrafu (4)(b) tal-Artikolu 15 tal-istess Regolament, li tidentifika liema minn dawn l-elementi huwa addizzjonali meta mqabbel mal-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u għall-klima;

6. ħarsa kumplessiva ġenerali lejn il-politiki u l-miżuri eżistenti kif deskritti fl-iktar rapport riċenti ppreżentat b'konformità mal-Artikoli 3, 20, 21 u 27(a) tar-Regolament (UE) 2018/1999;

It-Tielet Taqsima - Analiżi tal-Potenzjal Ekonomiku tat-Tisħin u tat-Tkessiħ Effiċjenti

7. analiżi tal-potenzjal ekonomiku ([5]) ta' teknoloġiji differenti tat-tisħin u tat-tkessiħ għandha titwettaq għat-territorju nazzjonali kollu billi tintuża l-analiżi tal-kostijiet u tal-benefiċċji msemmija fis-subregolament (4) tar-regolament 21 u għandha tidentifika xenarji alternattivi għal teknoloġiji iktar effiċjenti tat-tisħin u tat-tkessiħ, filwaqt li ssir distinzjoni bejn l-enerġija minn sorsi fossili u dik minn sorsi rinnovabbli fejn ikun applikabbli.

Jenħtieġ li jiġu kkunsidrati t-teknoloġiji li ġejjin:

(a) is-sħana u l-kesħa residwa industrijali;

(b) l-inċinerazzjoni tal-iskart;

(ċ) il-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja;

(d) sorsi ta' enerġija rinnovabbli (pereżempju l-enerġija ġeotermali, l-enerġija termali solari u l-bijomassa) ħlief dawk li jintużaw għall-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja;

(e) il-pompi tas-sħana;

(f) it-tnaqqis tat-telf tas-sħana min-netwerks distrettwali eżistenti;

8. din l-analiżi tal-potenzjal ekonomiku għandha tinkludi l-passi u l-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

(a) Kunsiderazzjonijiet:

(i) l-analiżi tal-kostijiet u tal-benefiċċji għall-iskopijiet tal-Artikolu 14(3) għandha tinkludi analiżi ekonomika li tikkunsidra l-fatturi soċjoekonomiċi u ambjentali ([6]), u analiżi finanzjarja mwettqa biex jiġu vvalutati l-proġetti mill-perspettiva tal-investituri. Kemm l-analiżi ekonomika u kemm dik finanzjarja għandhom jużaw il-valur preżenti nett bħala kriterju għall-valutazzjoni;

(ii) jenħtieġ li x-xenarju bażi jservi bħala punt

ta' referenza, iqis il-politiki eżistenti meta titħejja din il-valutazzjoni komprensiva (7), u jkun marbut mad-*data* miġbura skont l-Ewwel Taqsima u l-partita 6 tat-Tieni Taqsima ta' din l-iSkeda;

(iii) ix-xenarji alternattivi għax-xenarju bażi għandhom iqisu l-objettivi tal-effiċjenza fl-enerġija u tal-enerġija rinnovabbli tar-Regolament (UE) 2018/1999. Kull xenarju għandu jippreżenta l-elementi li ġejjin imqabbla max-xenarju bażi:

- il-potenzjal ekonomiku tat-teknoloġiji eżaminat billi l-valur preżenti nett jintuża bħala kriterju;

- it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra;

- l-iffrankar previst tal-enerġija primarja f'GWh kull sena;

- l-impatt fuq l-ammont ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija nazzjonali. Ix-xenarji li ma jkunux fattibbli minħabba raġunijiet tekniċi, minħabba raġunijiet finanzjarji jew minħabba r-regolamentazzjoni nazzjonali jistgħu jiġu esklużi fi stadju bikri tal-analiżi tal-kostijiet u tal-benefiċċji jekk dan ikun iġġustifikat abbazi ta' kunsiderazzjonijiet attenti, espliċiti u dokumentati sew.

Jenħtieġ li l-valutazzjoni u t-teħid tad-deċiżjonijiet iqisu l-kostijiet u l-iffrankar tal-enerġija li tirriżulta miż-żieda fil-flessibbiltà fil-provvista tal-enerġija u minn tħaddim iktar ottimali tan-netwerks tal-elettriku, inkluż il-kostijiet evitati u l-iffrankar mit-tnaqqis fl-investiment fl-infrastruttura, fix-xenarji analizzati.

(b) Kostijiet u benefiċċji

Il-kostijiet u l-benefiċċji msemmija fil-partita 8(a) għandhom jinkludu minn tal-inqas il-kostijiet u l-benefiċċji li ġejjin:

(i) Benefiċċji:

- il-valur tal-output għall-konsumatur (it-tisħin, it-tkessiħ u l-elettriku);

- il-benefiċċji esterni bħall-benefiċċji ambjentali, tat-tnaqqis ta' emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u tas-saħħa u tas-sikurezza, sa fejn dan ikun possibbli;

- l-effetti fuq is-suq tax-xogħol, is-sigurtà tal-enerġija u l-kompetittività, sa fejn dan

ikun possibbli.

(ii) Kostijiet:

- il-kostijiet kapitali tal-impjanti u tat-tagħmir;

- il-kostijiet kapitali tan-networks tal-enerġija assoċjati;

- il-kostijiet varjabbli u fissi tat-tħaddim;

- il-kostijiet tal-enerġija;

- il-kostijiet ambjentali, tas-saħħa u tas-sikurezza, kemm jista' jkun;

- il-kostijiet tas-suq tax-xogħol, is-sigurtà tal-enerġija u l-kompetittività, kemm jista' jkun.

(ċ) Xenarji rilevanti għax-xenarju bażi:

Għandhom jiġu kkunsidrati x-xenarji rilevanti kollha għax-xenarju bażi, inkluż ir-rwol tat-tisħin u tat-tkessiħ individwali effiċjenti.

(i) L-analiżi tal-kostijiet u tal-benefiċċji tista' tkopri valutazzjoni ta' proġett jew grupp ta' proġetti għal valutazzjoni lokali, reġjonali jew nazzjonali sabiex tiġi stabbilita l-iktar soluzzjoni tat-tisħin u tat-tkessiħ li tkun kosteffettiva u ta' benefiċċju mqabbla ma' xenarju bażi għal żona ġeografika partikolari għall-iskop tal-ippjanar;

(ii) Il-Ministru għandu jinnomina l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għat-twettiq tal-analizijiet tal-kostijiet u tal-benefiċċji skont ir-regolament 21 u għandu jipprovdi l-metodoloġiji u s-suppożizzjonijiet dettaljati b'konformità ma' din l-Iskeda u għandu jistabbilixxi l-proċeduri għall-analiżi ekonomika u jagħmihom pubbliċi.

(d) Konfini u approċċ integrat:

(i) il-konfini ġeografiku għandu jkopri żona ġeografika xierqa li tkun definita sew;

(ii) l-analiżijiet tal-kostijiet u tal-benefiċċji għandhom iqisu r-riżorsi ċentralizzati jew deċentralizzati rilevanti kollha ta' provvista fis-sistema u fil-konfini ġeografiku, inkluż it-teknoloġiji kkunsidrati fil-partita 7

tat-Tielet Taqsima ta' din l-Iskeda, kif ukoll ix-xejriet u l-karatteristiċi kollha tat-tisħin u tat-tkessiħ.

(e) Suppożizzjonijiet:

(i) Il-Ministru għandu jipprovdi suppożizzjonijiet, għall-iskop tal-analiżi tal-kostijiet u tal-benefiċċji, dwar il-prezzijiet tal-fatturi maġġuri ta' *input* u ta' *output* kif ukoll ir-rata ta' skont;

(ii) ir-rata ta' skont li tintuża fl-analiżi ekonomika biex jiġi kkalkulat il-valur preżenti nett għandha tintgħażel b'konformità mal-linji gwida Ewropej jew nazzjonali;

(iii) il-Ministru għandu juża tbassir nazzjonali, Ewropew jew internazzjonali tal-iżvilupp tal-prezz tal-enerġija jekk ikun xieraq fil-kuntest nazzjonali u, jew reġjonali/lokali tagħhom;

(iv) il-prezzijiet li jintużaw fl-analiżi ekonomika għandhom jirriflettu l-kostijiet u l-benefiċċji soċjoekonomiċi. Il-kostijiet esterni, bħall-effetti ambjentali u tas-saħħa, jenħtieġ li jiġu inklużi fejn dan huwa possibbli, jiġifieri meta jeżisti prezz tas-suq jew meta dan ikun diġà inkluż fir-regolamentazzjoni Ewropea jew nazzjonali.

(f) Analiżi tas-sensittività:

għandha tiġi inkluża analiżi tas-sensittività biex jiġu vvalutati l-kostijiet u l-benefiċċji ta' proġett jew ta' grupp ta' proġetti abbażi ta' fatturi varjabbli li jkollhom impatt sinifikanti fuq l-eżitu tal-kalkoli, pereżempju prezzijiet differenti tal-enerġija, il-livelli tad-domanda, ir-rati ta' skont u oħrajn.

Ir-Raba' Taqsima - Strateġiji u Miżuri ta' Politika

9. ħarsa ġenerali lejn il-miżuri ġodda ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ([8]) sabiex jitwettaq il-potenzjal ekonomiku identifikat skont il-partiti 7 u 8, flimkien:

(a) mat-tnaqqis previst tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra;

(b) mal-iffrankar previst tal-enerġija primarja f'GWh kull sena;

(ċ) mal-impatt previst fuq l-ammont ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja;

(d) mal-impatt previst fuq l-ammont ta' sorsi ta'

enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija nazzjonali u fis-settur tat-tisħin u tat-tkessiħ;

(e) mar-rabtiet previsti mal-ipprogrammar finanzjarju nazzjonali u mal-iffrankar previst tal-kostijiet għall-baġit pubbliku u għall-parteċipanti tas-suq;

(f) mal-istima tal-miżuri previsti ta' sostenn pubbliku, jekk ikun hemm, bil-baġit annwali tagħhom u bl-identifikazzjoni tal-element ta' għajnuna potenzjali.

(Annotamenti għal din l-Iskeda)

(1) L-ammont ta' enerġija termali meħtieġ biex tiġi ssodisfata d-domanda tal-utenti finali għat-tisħin u għat-tkessiħ.

(2) Jenħtieġ li tintuża l-iktar data riċenti disponibbli.

(3 Jenħtieġ li tintuża l-iktar data riċenti disponibbli.

(4) Wara li tiġi stabbilita l-metodoloġija għall-kalkolu tal-kwantità ta' enerġija rinnovabbli li tintuża għat-tkessiħ u għat-tkessiħ distrettwali skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva (UE) 2018/2001, l-identifikazzjoni ta' "tkessiħ rinnovabbli" għandha titwettaq b'konformità ma' dik id-Direttiva. Sakemm jasal dak iż-żmien, l-identifikazzjoni għandha titwettaq skont metodoloġija nazzjonali xierqa.

(5) Jenħtieġ li l-analiżi tal-potenzjal ekonomiku tippreżenta l-volum ta' enerġija (f'GWh) li jista' jiġi ġġenerat kull sena minn kull teknoloġija analizzata. Jenħtieġ li jitqiesu wkoll il-limitazzjonijiet u l-interrelazzjonijiet fis-sistema tal-enerġija. L-analiżi tista' tuża mudelli bbażati fuq suppożizzjonijiet li jirrappreżentaw it-tħaddim ta' tipi komuni ta' teknoloġiji jew ta' sistemi.

(6) Inkluż il-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 15(7) tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

(7) Id-data limitu biex jitqiesu l-politiki għax-xenarju bażi hija tmiem is-sena ta' qabel is-sena li sa tmiemha trid issir il-valutazzjoni komprensiva. Jiġifieri, il-politiki ppromulgati fi żmien sena (1) qabel l-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-valutazzjoni komprensiva ma hemmx għalfejn jitqiesu.

(8) Din il-ħarsa ġenerali għandha tinkludi l-miżuri u l-programmi ta' finanzjament li jistgħu jiġu adottati matul il-perjodu tal-valutazzjoni komprensiva, mingħajr ma tiġi ppreġudikata notifika separata tal-iskemi ta' sostenn pubbliku għal valutazzjoni ta' għajnuna mill-Istat.

Id-Disa' Skeda
(Regolament 21(6) u (10))

Analiżi tal-benefiċċju tal-kost

Prinċipji għall-finijiet tas-subregolamenti (6) u (10) tar-regolament 21

Kull analiżi tal-benefiċċju tal-kost għandha tipprovdi informazzjoni għall-fini tal-miżuri fis-subregolamenti (6) u (10) tar-regolament 21:

Jekk tiġi ppjanata installazzjoni tal-elettriku biss jew installazzjoni mingħajr irkupru ta' sħana, għandu jsir tqabbil bejn l-installazzjonijiet ippjanati jew ir-ristawr ippjanat u installazzjoni ekwivalenti li tipproduċi l-istess ammont ta' elettriku jew sħana fil-proċessi, iżda li tirkupra s-sħana mormija u tforni s-sħana permezz ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja u, jew ta' networks ta' tisħin u tkessiħ distrettwali.

F'konfini ġeografiċi partikolari l-valutazzjoni għandha tieħu f'konsiderazzjoni l-installazzjoni ppjanata u kull post ta' domanda għas-sħana eżistenti jew potenzjali adatt li jista' jiġi fornit minnha, waqt li jitqiesu l-possibbiltajiet razzjonali (bħall-fattibbiltà teknika u d-distanza).

Il-konfini tas-sistema għandu jiġi programmat biex jinkludi l-installazzjoni ppjanata u t-tagħbijiet tas-sħana, bħal kull bini u proċess industrijali. F'dan il-konfini tas-sistema, l-ispiża totali tal-forniment tas-sħana u l-enerġija għandha tiġi stabbilita għaż-żewġ każijiet u mqabbla.

It-tagħbijiet tas-sħana għandhom jinkludu t-tagħbijiet tas-sħana eżistenti, bħal installazzjoni industrijali jew sistema ta' tisħin distrettwali eżistenti, kif ukoll, f'żoni urbani, it-tagħbija u l-ispiża tas-sħana li kieku grupp ta' bini jew parti minn belt jiġu provduti u, jew konnessi ma' *network* ġdid ta' tisħin distrettwali.

L-analiżi tal-benefiċċju tal-kost għandha tiġi bbażata fuq deskrizzjoni tal-installazzjoni ppjanata u l-installazzjoni(jiet) ta' tqabbil, li jkopru l-kapaċità elettrika u termali, kif dan japplika, it-tip ta' karburanti, l-użu ppjanat u l-għadd ta' sigħat ta' tħaddim ippjanati ta' kull sena, il-post u d-domanda għall-elettriku u dik termali.

Għall-fini tat-tqabbil, għandha titqies id-domanda għall-enerġija termali u t-tipi ta' tisħin u tkessiħ użati mill-punti ta' domanda għas-sħana fil-qrib. Il-paragun għandu jkopri l-ispejjeż relatati mal-infrastruttura għall-installazzjoni ppjanata u ta' paragun.

Kull analiżi tal-benefiċċju tal-kost għall-finijiet tas-subregolament (6) tar-regolament 21 għandha tinkludi analiżi ekonomika li tkun tkopri analiżi finanzjarja li tirrifletti t-

transazzjonijiet attwali tal-flussi ta' flus kontanti mill-investimenti li jsir f'installazzjonijiet individwali u t-tħaddim tagħhom.

Il-proġetti b'eżitu pożittiv fil-benefiċċju tal-kost huma dawk fejn l-ammont totali tal-benefiċċji skontati fl-analiżi ekonomika u finanzjarja jkunu jaqbżu t-total tal-ispejjeż skontati (bilanċ pożittiv tal-benefiċċju tal-kost).

Il-Ministru għandu jistabbilixxi prinċipji ta' gwida dwar il-metodoloġija, l-istimi u l-medda ta' żmien għall-analiżi ekonomika.

Il-Ministru jista' jeħtieġ li l-kumpanniji responsabbli għat-tħaddim ta' installazzjonijiet ta' ġenerazzjoni tal-elettriku termali, kumpanniji industrijali, networks ta' tisħin u tkessiħ distrettwali, jew partijiet oħra influwenzati mill-konfini tas-sistema definiti u dawk ġeografiċi, jikkontribwixxu *data* għall-użu fil-valutazzjoni tal-ispejjeż u l-benefiċċji ta' xi installazzjoni individwali.

---

L-Għaxar Skeda
(Regolament 21(13))

Garanzija tal-oriġini għall-elettriku prodott minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja

(a) Ir-Regolatur għandu jieħu miżuri biex jiżgura li:

(i) il-garanzija tal-oriġini tal-elettriku prodott minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja:

- tagħmilha possibbli għall-produtturi li juru li l-elettriku li jbigħu jiġi prodott minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja u jinħareġ għal daqshekk wara li ssir talba għaldaqstant mill-produttur;

- tkun preċiża, affidabbli u reżistenti għall-frodi;

- tinħareġ, tiġi trasferita u mħassra elettronikament;

(ii) l-istess unità ta' enerġija minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja għandha titqies għal darba waħda biss.

(b) Il-garanzija tal-oriġini msemmija fis-subregolament (13) tar-regolament 21 għandha mill-inqas tkun tinkludi din l-informazzjoni li ġejja:

(i) l-identità, il-post, it-tip u l-kapaċità

(termali u elettrika) tal-installazzjoni fejn kienet prodotta l-enerġija;

(ii) id-dati u l-postijiet ta' produzzjoni;

(iii) il-valur kalorifiku l-aktar baxx tas-sors tal-karburanti li minnu kien prodott l-elettriku;

(iv) il-kwantità u l-użu li jsir mis-sħana ġenerata flimkien mal-elettriku;

(v) il-kwantità ta' elettriku minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja kif hemm fit-Tieni Skeda li l-garanzija tirrappreżenta;

(vi) l-iffrankar tal-enerġija primarja kalkulat kif hemm fit-Tieni Skeda fuq il-bażi tal-valuri ta' referenza armonizzati għall-effiċjenza murija fil-paragrafu (f) tat-Tieni Skeda;

(vii) l-effiċjenza elettrika u termali nominali tal-impjant;

(viii) jekk u safejn l-installazzjoni tkun kisbet benefiċċju minn sostenn għall-investiment;

(ix) jekk u safejn l-unità tal-enerġija tkun kisbet benefiċċju b'xi mod ieħor minn skema ta' sostenn nazzjonali, u x'ikun it-tip tal-iskema ta' sostenn;

(x) id-data meta bdiet taħdem l-installazzjoni; u

(xi) id-data u l-pajjiż tal-ħruġ tal-garanzija u numru ta' identifikazzjoni uniku.

Il-garanzija tal-oriġini għandha tkun ta' qies *standard* ta' 1 MWh. Din għandha tkun relatata mal-ħruġ nett ta' elettriku mkejjel fil-konfini tal-istazzjon u esportat għal ġol-grilja.

---

Il-Ħdax-il Skeda
(Regolament 22(1))

Kriterji ta' effiċjenza fl-enerġija għar-regolamentazzjoni tan-network tal-enerġija u għat-tariffi tan-network tal-elettriku

1. It-tariffi tan-network għandhom ikunu jirriflettu l-ispejjeż tal-iffrankar tal-kost fin-networks li jinkiseb mill-miżuri dwar il-lat tad-domanda u ta' rispons għad-domanda u mill-ġenerazzjoni distribwita, inkluż kull iffrankar li jsir mit-tnaqqis tal-kost għat-twassil

jew għall-investiment fin-networks u għal tħaddim wisq iktar aħjar tan-network.

2. Ir-regolamentazzjoni u t-tariffi tan-*network* ma għandhomx jipprevjenu lill-operaturi tan-*network* jew lill-bejjiegħa tal-enerġija milli jagħmlu disponibbli servizzi tas-sistema għal miżuri ta' rispons għad-domanda, ġestjoni tad-domanda u ġenerazzjoni distribwita fi swieq organizzati tal-elettriku, b'mod partikolari:

(a) it-trasferiment tat-tagħbija mill-ħinijiet tal-ikbar domanda għal ħinijiet ta' domanda anqas mill-klijenti aħħarinmeta titqies id-disponibbiltà ta' enerġija li tiġġedded, l-enerġija mill-koġenerazzjoni u l-ġenerazzjoni distribwita;

(b) l-iffrankar tal-enerġija mir-rispons għad-domanda tal-konsumaturi distribwiti mill-aggregaturi tal-enerġija;

(ċ) it-tnaqqis tad-domanda minn miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija li ssir mill-fornituri tas-servizzi ta' enerġija, inklużi kumpanniji ta' servizzi tal-enerġija;

(d) il-konnessjoni u d-dispaċċ ta' sorsi ta' ġenerazzjoni f'livelli ta' vultaġġ aktar baxxi;

(e) il-konnessjoni ta' sorsi ta' ġenerazzjoni minn post eqreb għal fejn isir il-konsum; u

(f) il-ħżin ta' enerġija.

Għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni, il-kliem "swieq organizzati tal-elettriku" għandhom jinkludi s-swieq b'bejgħ li jsir fuq sempliċi talba u skambji ta' enerġija elettrika għall-kummerċ tal-enerġija, kapaċità u servizzi ta' bilanċjament u anċillari matul kull perijodu ta' żmien, inklużi s-swieq bil-quddiem, bil-ġurnata bil-quddiem u ta' dak inhar stess.

3. It-tariffi tan-network jew tal-bejgħ bl-imnut jistgħu ikunu ta' sostenn għal prezz dinamiku għall-miżuri ta' rispons għad-domanda mill-konsumaturi finali, bħal:

(a) tariffi għall-ħin meta jintużaw;

(b) prezzijiet għal ħinijiet kritiċi tal-aktar użu;

(ċ) prezzijiet f'ħin reali; u

(d) rifużjonijiet għal ħinijiet tal-aktar użu.

It-Tnax-il Skeda
(Regolament 22(5))

Rekwiżiti għall-effiċjenza fl-enerġija għall-operaturi tas-sistema ta' trasmissjoni u għall-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni

L-operaturi tas-sistemi ta' trasmissjoni u distribuzzjoni għandhom:

(a) jistabbilixxu u jippubblikaw ir-regoli *standard* tagħhom li għandhom x'jaqsmu mas-sostenn u l-kondiviżjoni tal-kost għal adattamenti tekniċi, bħal konnessjonijiet mal-grilja u t-tisħiħ tal-grilja, it-titjib fit-tħaddim tal-grilja u regoli fuq l-implimentazzjoni mhux diskriminatorja tal-kodiċijiet tal-grilja, li huma meħtieġa biex jiġu integrati produtturi ġodda li jalimentaw l-elettriku prodott minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja għal ġol-grilja interkonnessa;

(b) jipprovdu lil kull produttur ġdid ta' elettriku prodott minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja li jkun irid jiġi konness mas-sistema, kull informazzjoni komprensiva u meħtieġa li tintalab, inklużi:

(i) stima komprensiva u dettaljata tal-ispejjeż assoċjati mal-konnessjoni;

(ii) skeda ta' żmien raġonevoli u preċiża li fiha tasal u tiġi proċessata t-talba għal konnessjoni mal-grilja;

(iii) skeda ta' żmien indikattiva u raġonevoli għal kull konnessjoni proposta li ssir mal-grilja. Il-proċess globali għal konnessjoni mal-grilja m'għandux ikun itwal minn erbgħa u għoxrin (24) xahar, fil-qies ta' dak li huwa raġonevolment pratikabbli u mhux diskriminatorju;

(ċ) jipprovdu proċeduri standardizzati u simplifikati għall-konnessjoni ta' produtturi tal-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja distribwiti biex tiġi faċilitata l-konnessjoni tagħhom mal-grilja.

Ir-regoli *standard* imsemmija fil-paragrafu (a) għandhom ikunu bażati fuq kriterji oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji fejn jitqiesu b'mod partikolari l-ispejjeż u l-benefiċċji kollha assoċjati mal-konnessjoni li dawk il-produtturi jagħmlu mal-grilja. Huma jistgħu jipprovdu għal tipi differenti ta' konnessjoni.

It-Tlettax-il Skeda
(Regolament 25(1)(d))

L-inqas elementi li għandhom jiġu inklużi fil-kuntratti ta' rendiment tal-enerġija mas-settur pubbliku jew fl-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta assoċjata

- Lista ċara u trasparenti tal-miżuri ta' effiċjenza li għandhom jiġu implimentati jew tar-riżultati tal-effiċjenza li għandhom jinkisbu.

- L-iffrankar garantit li għandu jinkiseb bl-implimentazzjoni tal-miżuri tal-kuntratt.

- Għal kemm żmien itul u l-punti ewlenin tal-kuntratt, termini u perjodu ta' avviż.

- Lista ċara u trasparenti tal-obbligi ta' kull parti kontraenti.

- Id-data(i) ta' referenza biex jiġi stabbilit l-iffrankar miksub.

- Lista ċara u trasparenti tal-passi li għandhom jittieħdu biex tkun implimentata xi miżura jew pakkett ta' miżuri u, meta jkun rilevanti, l-ispejjeż assoċjati.

- Obbligu li l-miżuri fil-kuntratt jiġu għalkollox implimentati u jiġu dokumentati l-bidliet kollha li jsiru waqt il-proġett.

- Regolamenti li jkunu jispeċifikaw l-inklużjoni ta' rekwiżiti ekwivalenti f'kull appalt ma' terzi.

- Wirja ċara u trasparenti tal-implikazzjonijiet finanzjarji tal-proġett u distribuzzjoni tas-sehem taż-żewġ partijiet fl-iffrankar monetarju miksub (jiġifieri, ir-remunerazzjoni tal-fornitur tas-servizz).

- Dispożizzjonijiet ċari u trasparenti fuq il-kejl u l-verifika tal-iffrankar garantit miksub, kontrolli tal-kwalità u garanziji.

- Dispożizzjonijiet li jiċċaraw il-proċedura li tittratta l-kundizzjonijiet dejjem jinbidlu fil-qafas u li jolqtu l-kontenut u l-eżitu tal-kuntratt (jiġifieri, tibdil fil-prezzijiet tal-enerġija, l-intensità tal-użu ta' installazzjoni).

- Informazzjoni dettaljata fuq l-obbligi ta' kull parti kontraenti u dwar il-pieni għall-ksur tagħhom.